

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 71



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

14 ta' Marzu 2018

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/394 tat-13 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tat-tneħħija tar-rekwiżiti tal-operazzjonijiet bl-ajru għall-blalen tal-arja** 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** 10
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/396 tat-13 ta' Marzu 2018 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana** 36

DEĊIŻIONIJET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/397 tat-8 ta' Marzu 2018 dwar it-tneħħija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Portugall** 38

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/394

tat-13 ta' Marzu 2018

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tat-tneħħija tar-rekwiżiti tal-operazzjonijiet bl-ajru għall-blalen tal-arja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sikurezza ta' bosta tipi ta' operazzjonijiet bl-ajru b'kategoriji differenti ta' inġenji tal-ajru, inklużi l-operazzjonijiet bil-blalen tal-arja.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 ⁽³⁾ li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward l-operat ta' blalen tal-arja. Mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li dawn l-operazzjonijiet ma jibqgħux soġġetti għar-regoli ġenerali għall-operazzjonijiet bl-ajru stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 965/2012. Madankollu, ir-regoli relatati mas-sorveljanza tal-operazzjonijiet bl-ajru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 u l-Anness II tiegħu, jenħtieġ li jkomplu japplikaw fir-rigward tal-operazzjonijiet bl-ajru bil-blalen tal-arja, peress li daww ir-rekwiżiti mhumieq speċifiċi għal xi attività partikolari ta' operazzjoni bl-ajru, iżda japplikaw b'mod orizzontali fir-rigward tal-attivitajiet kollha bħal dawn.
- (3) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan, sabiex jiġu meqjusa r-regoli l-ġodda applikabbli għall-operazzjonijiet ta' blalen tal-arja u biex, fejn xieraq, jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.
- (4) Minħabba r-rabta mill-qrib bejniethom, id-data tal-applikazzjoni tal-emendi għar-Regolament (UE) Nru 965/2012 stipulati f'dan ir-Regolament għandha tiġi allinjata mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/395.
- (5) L-Aġenzija ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ressqithom bħala opinjoni ⁽⁴⁾ lill-Kummissjoni f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat ta' blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara l-paġna 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁴⁾ L-Opinjoni Nru 01/2016 tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tas-6 ta' Jannar 2016 għal Regolament tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regoli operattivi Ewropej għall-blalen tal-arja.

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operazzjonijiet bl-ajru b'ajruplani, elikopters u gliders, inklużi l-ispezzjonijiet fir-rampa ta' inġenji tal-ajru ta' operaturi li huma taħt is-sorveljanza tas-sikurezza ta' Stat ieħor meta jinżlu f'ajrudromi li jinsabu fit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dettaljati dwar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ħlief għall-blalen tal-arja, attivi f'operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru, il-privileġġi u r-responsabilitajiet tad-detenturi taċ-ċertifikati kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom l-operazzjonijiet għandhom ikunu pprojbti, limitati jew soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess tas-sikurezza.

3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli dettaljati dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-dikjarazzjoni mressqa mill-operaturi involuti f'operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati ta' ajruplani, elikopters u gliders jew f'operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, inklużi l-operazzjonijiet mhux kummerċjali speċjalizzati ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-magni, tal-kapaċità tagħhom u tad-disponibbiltà tal-mezzi biex jaqdu r-responsabbiltajiet assoċjati mal-operat tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll għas-sorveljanza ta' operaturi bħal dawn.”;

(b) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet bl-ajru b'iġfna tal-ajru.”;

(c) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet bl-ajru bi blalen tal-arja. Madankollu, fir-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet bl-ajru bi blalen tal-arja, ħlief il-blalen tal-gass marbutin, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti relatati mas-sorveljanza tal-Artikolu 3.”

(2) Fl-Artikolu 2 jiddaħħlu l-punti (1a) u (1b) li ġejjin:

“(1a) ‘ballun tal-arja’ tfisser inġenju tal-ajru eħfef mill-arja b'ekwipaġġ li ma jkollux magna u li jtir fl-ajru permezz ta' gass eħfef mill-arja jew permezz ta' sistema li ssaħħan l-arja, inklużi blalen tal-gass, blalen tal-arja sħuna, blalen tal-arja mħallta u, għalkemm bil-magna, iġfna tal-ajru tal-arja sħuna;

(1b) ‘ballun tal-gass marbut’ tfisser ballun tal-gass b'sistema ta' rbit li żżomm il-ballun tal-arja kontinwament ankrat f'punt fiss matul l-operat.”

(3) Fl-Artikolu 3(1), jiddaħħal it-tieni subparagrafu li ġej:

“Is-sistemi tal-amministrazzjoni u tal-ġestjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u tal-Aġenzija għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness II”

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-operaturi għandhom iħaddmu ajruplan, elikopter jew glider biss għall-fini ta' operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru (minn hawn 'il quddiem imsejħa “CAT”) skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-Annessi III u IV.”;

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) ajruplani, elikopters u gliders użati għat-trasport ta' oġġetti perikolużi.”;

(c) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“4. L-operaturi ta' ajruplani u ta' elikopters, hliief inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu b'magna, kif ukoll ta' gliders involuti f'operazzjonijiet mhux kummerċjali, inklużi operazzjonijiet mhux kummerċjali speċjalizzati, għandhom joperaw biss l-inġenju tal-ajru skont id-dispożizzjonijiet speċifikati fl-Anness VII.”

(d) fil-paragrafu 5, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) ajruplani u elikopters oħrajn, kif ukoll gliders, skont id-dispożizzjonijiet speċifikati fl-Anness VII.”;

(e) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

“6. L-operaturi għandhom iħaddmu biss ajruplan, elikopter jew glider għall-fini ta' operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-Annessi III u VIII.”;

(5) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. B'deroga mill-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għall-punt (a) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u għas-Subparti P tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 (*) dwar il-permess għat-titjir, it-titjiriet li ġejjin għandhom ikomplu joperaw skont ir-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew, fejn l-operatur ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju, il-post fejn l-operatur ikun stabbilit jew residenti.

(a) titjiriet relatati mal-introduzzjoni jew il-modifika ta' tipi ta' ajruplan, elikopter jew glider imwettqin mill-organizzazzjonijiet tad-disinn jew tal-produzzjoni fl-ambitu tal-privileġġi tagħhom;

(b) titjiriet li ma jgħorru l-ebda passiġġier jew merkanzija fejn l-ajruplan, il-elikopter jew il-glider jiġi ttrasportat għal rinnovament, tiswija, verifika ta' manutenzjoni, spezzjonijiet, konsenja, esportazzjoni jew għanijiet simili.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1)”

(b) fil-paragrafu 4a, il-kliem introdutturju jinbidel b'dan li ġej:

“B'deroga mill-Artikolu 5(1) u (6), l-operazzjonijiet li ġejjin b'ajruplani u elikopters mhux kumplessi li jaħdmu b'magna, u gliders jistgħu jitwettqu f'konformità mal-Anness VII.”;

(6) L-Artikolu 8 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 8

Limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir

1. L-operazzjonijiet CAT għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tas-Subparti FTL tal-Anness III.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operazzjonijiet CAT ta' air taxi, ta' servizz mediku ta' emerġenza u ta' pilota wieħed bl-ajruplani għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 u fis-Subparti Q tal-Anness III ta' dak ir-Regolament.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operazzjonijiet CAT bil-elikopters u l-operazzjonijiet CAT bil-gliders għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

4. Operazzjonijiet mhux kummerċjali, inklużi operazzjonijiet mhux kummerċjali speċjalizzati, b'ajruplani u b'elicopters kumplessi li jaħdmu b'magna, kif ukoll operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati b'ajruplani, elicopters u gliders għandhom jikkonformaw fir-rigward tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir, mar-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, jew, fejn l-operatur ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju, il-post fejn l-operatur ikun stabbilit jew residenti.”

(7) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

“2. Ir-rekwiżiti tal-Annessi II u VII għandhom japplikaw għal operazzjonijiet mhux kummerċjali bil-glajders mill-25 ta' Awwissu 2013. Madankollu, l-Istati Membri li qabel it-8 ta' April 2019 ikunu ddeċidew li, skont il-liġi tal-Unjoni, xi wħud minn dawk ir-rekwiżiti jew kollha kemm huma ma japplikawx għal operazzjonijiet bħal dawn fit-territorju tagħhom, għandhom jagħmlu dawk id-deċiżjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Jekk xi deċiżjoni bħal din tkun għadha fis-seħħ sat-8 ta' April 2020, din għandha tieqaf tapplika minn dik id-data.”

3. Ir-rekwiżiti tal-Annessi II, III, VII u VIII għandhom japplikaw għall-operazzjonijiet speċjalizzati bil-glajders mill-1 ta' Lulju 2014. Madankollu, l-Istati Membri li qabel it-8 ta' April 2019 ikunu ddeċidew li, skont il-liġi tal-Unjoni, xi wħud minn dawk ir-rekwiżiti jew kollha kemm huma ma japplikawx għal operazzjonijiet bħal dawn fit-territorju tagħhom, għandhom jagħmlu dawk id-deċiżjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Jekk xi deċiżjoni bħal din tkun għadha fis-seħħ sat-8 ta' April 2020, din għandha tieqaf tapplika minn dik id-data.”

(b) fil-paragrafu 5, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

“(b) għal operazzjonijiet CAT bil-glajders mill-1 ta' Lulju 2014. Madankollu, l-Istati Membri li qabel it-8 ta' April 2019 ikunu ddeċidew li, skont il-liġi tal-Unjoni, xi wħud minn dawk ir-rekwiżiti jew kollha kemm huma ma japplikawx għal operazzjonijiet bħal dawn fit-territorju tagħhom, għandhom jagħmlu dawk id-deċiżjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Jekk xi deċiżjoni bħal din tkun għadha fis-seħħ sat-8 ta' April 2020, din għandha tieqaf tapplika minn dik id-data.”

(8) L-Annessi I, II, III, IV, VII u VIII huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-8 ta' April 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

L-Annessi I, II, III, IV, VII u VIII tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-punt (120) jinbidel b'dan li ġej:

“(120) “tagħbija tat-traffiku” tfisser il-massa totali ta' passiġġieri, bagalji, merkanzija u tagħmir speċjalizzat portabbli inkluża s-saborra;”;

(2) L-Anness II qed jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-punt ARO.GEN.345, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) Malli tirċievi dikjarazzjoni minn organizzazzjoni li twettaq jew li għandha l-ħsieb li twettaq attivitajiet li għalihom hija meħtieġa dikjarazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li d-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-punt ORO.DEC.100 tal-Anness III (il-Parti ORO) ta' dan ir-Regolament, jew fil-każ tal-operaturi tal-blalen tal-arja l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-punt BOP.ADD.100 tal-Anness II (il-Parti BOP) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 (*), u għandha tikkonferma l-wasla tad-dikjarazzjoni lill-organizzazzjoni.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 14.3.2018, p. 10);

(b) fil-punt ARO.GEN.350(b), il-punt (1) jinbidel b'dan li ġej:

“(1) in-nuqqas ta' għoti ta' aċċess lill-awtorità kompetenti għall-faċilitajiet tal-organizzazzjoni skont il-punt ORO.GEN.140 tal-Anness III (il-Parti ORO) ta' dan ir-Regolament, jew fil-każ tal-operaturi tal-blalen tal-arja skont il-punti BOP.ADD.015 u BOP.ADD.035 tal-Anness II (il-Parti BOP) tar-Regolament (UE) 2018/395, matul il-ħinijiet normali tax-xogħol u wara żewġ talbiet bil-miktub;”;

(c) l-intestatura tal-punt ARO.OPS.110 tinbidel b'dan li ġej:

“ARO.OPS.110 Ftehimiet ta' kiri għal ajruplani u elikopters”;

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt ORO.GEN.110, il-punt (k) jinbidel b'dan li ġej:

“(k) Minkejja l-punt (j), l-operaturi li jwettqu operazzjonijiet kummerċjali fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-inġenji tal-ajru li ġejjin għandhom jiżguraw li l-ekwipaġġ tat-titjira rċieva taħriġ jew struzzjonijiet xierqa dwar l-oġġetti perikolużi, sabiex ikunu jistgħu jagħrfu oġġetti perikolużi mhux iddikjarati li jiġu mtellgħin abbord minn passiġġieri jew bħala merkanzija:

(1) glider;

(2) ajruplan b'magna waħda li jaħdem bl-iskrejjien b'massa massima ta' tliet iċċertifikata ta' 5 700 kg jew inqas u b'MOPSC ta' 5 jew inqas li jiġi operat f'titjira bit-tliet u l-inżul fl-istess ajrudrom jew sit operatorju, skont il-VFR binhar;

(3) elikopters ħlief inġenji tal-ajru kumplessi mħaddmin b'magna, b'magna waħda, b'MOPSC ta' 5 jew inqas li jiġu operati f'titjira bit-tliet u l-inżul fl-istess ajrudrom jew sit operatorju, skont il-VFR binhar.”;

(b) fil-punt ORO.MLR.101, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

“Ħlief għal operazzjonijiet b'ajruplani b'magna waħda li jaħdmu bl-iskrejjien b'MOPSC ta' 5 jew inqas jew b'elicopters mhux kumplessi b'magna waħda b'MOPSC ta' 5 jew inqas, li jtitlqu u jinżlu fl-istess ajrudrom jew sit tal-operat, skont il-VFR binhar, u għal operazzjonijiet bi glajders, l-istruttura ewlenija tal-OM għandha tkun kif ġej:”;

(c) fil-punt ORO.FC.005(b), il-punt (1) jinbidel b'dan li ġej:

“(1) operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru bi glajders; jew”;

(d) fil-punt ORO.CC.100, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) L-għadd u l-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ tal-kabina għandhom ikunu stabbiliti skont il-punt 7.a tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, filwaqt li jitqiesu l-fatturi jew iċ-ċirkustanzi operattivi tat-titjira partikulari li għandha tiġi operata. Għandu jkun assenjat mill-inqas membru wieħed tal-ekwipaġġ tal-kabina għall-operazzjoni ta' inġenju tal-ajru li jkollu MOPSC ta' iktar minn 19-il sit, meta jkun qed jinġarr passiġġier wieħed jew iktar.”;

(4) L-Anness IV qed jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt CAT.GEN.105 huwa emendat kif ġej:

(i) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

“CAT.GEN.105 Touring motor gliders u glajders bil-mutur”;

(ii) il-punt (d) jitħassar;

(b) il-punt CAT.GEN.NMPA.100 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-punt (2) jinbidel b'dan li ġej:

“(2) ikun responsabbli għall-operazzjoni u s-sikurezza tal-glajder mill-mument li fih tinbeda l-proċedura ta' tluq sakemm il-glajder jieqaf fi tmiem it-titjira.”;

(ii) il-punt (d) jitħassar;

(c) il-punt CAT.GEN.NMPA.105 jitħassar;

(d) fil-punt CAT.GEN.NMPA.140(a), il-punt 19 jinbidel b'dan li ġej:

“(19) id-dokumentazzjoni dwar il-bilanċ u l-massa.”;

(e) il-punt CAT.OP.NMPA.105 jinbidel b'dan li ġej:

“CAT.OP.NMPA.105 Proċeduri għat-tnaqqis tal-istorbju — glajders bil-mutur

Il-kmandant għandu jqis l-effett tal-istorbju tal-inġenju tal-ajru u fl-istess waqt jiżgura li s-sikurezza jkollha prijorità fuq it-tnaqqis tal-istorbju.”;

(f) il-punt CAT.OP.NMPA.110 jitħassar;

(g) il-punt CAT.OP.NMPA.135 jitħassar;

(h) il-punt CAT.OP.NMPA.140 jinbidel b'dan li ġej:

“CAT.OP.NMPA.140 Tipjip abbord

Għall-ebda persuna ma hu permess it-tipjip abbord glajder.”;

(i) il-punt CAT.OP.NMPA.165 jitħassar;

(j) il-punt CAT.OP.NMPA.180 jitħassar;

(k) fis-Subparti C, it-Taqsima 5 tithassar;

(l) is-Subparti D, it-Taqsima 4 tithassar;

(5) L-Anness VII (il-Parti NCO) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt NCO.GEN.102 huwa emendat kif ġej:

(i) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

“NCO.GEN.102 Touring motor gliders u glajders bil-mutur”;

(ii) il-punt (d) jitħassar;

(b) fil-punt NCO.GEN.103, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) jibdw u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operazzjonali, ħlief għall-glajders;”;

(c) il-punt NCO.GEN.105 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a)(4), il-punti (iii) u (iv) jinbidlu b'dan li ġej:

“(iii) l-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dik it-titjira huma installati fuq l-inġenju tal-ajru u huma operattivi, diment li tkun permessa l-operazzjoni b'tagħmir mhux operattiv bil-lista ta' tagħmir minimu (MEL) jew b'dokument ekwivalenti, jekk ikun applikabbli, kif previst fil-punti NCO.IDE.A.105, NCO.IDE.H.105 jew NCO.IDE.S.105;

(iv) il-massa tal-inġenju tal-ajru u l-punt taċ-ċentru tal-gravità huma tali li t-titjira tista' tiġi eżegwita fil-limiti msemmin fid-dokumentazzjoni tal-ajrunavigabbiltà;”;

(ii) fil-punt (f), il-punt (1) jinbidel b'dan li ġej:

“(1) iżomm iċ-ċinturin tas-sikurezza tiegħu meta jkun f'postu; u”;

(d) il-punt NCO.GEN.106 jitħassar;

(e) fil-punt NCO.GEN.135, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) Minkejja l-punt (a), għal titjiriet fuq glajders, esklużi t-touring motor gliders (TMGs), id-dokumenti u l-informazzjoni msemmin fil-punti (a)(2) sa (a)(8) u l-punti (a)(11), (a)(12) u (a)(13) jistgħu jinġarru fuq il-vettura li tiġbor kollox lura.”;

(f) il-punt NCO.OP.121 jitħassar;

(g) il-punt NCO.OP.127 jitħassar;

(h) il-punt NCO.OP.150 jinbidel b'dan li ġej:

“NCO.OP.150 Ġarr tal-passiġġieri

Qabel u matul it-taxiing, it-tluġ u l-inżul u kull meta jitqies neċessarju, fl-interess tas-sikurezza l-bdot fil-kmand għandu jiżgura li kull passiġġier abbord ikun bilqiegħda f'sit jew f'post u jkun maqful sew b'ċinturin tas-sikurezza jew b'tagħmir ta' restrizzjoni;”;

(i) il-punt NCO.OP.156 jinbidel b'dan li ġej:

“NCO.OP.156 Tipjip abbord — glajders

Għall-ebda persuna ma hu permess it-tipjip abbord glajder.”;

(j) il-punt NCO.OP.176 jitħassar;

(k) il-punt NCO.OP.185 jinbidel b'dan li ġej:

“NCO.OP.185 Ġestjoni tal-fjuwil waqt it-titjira

F'intervalli regolari l-bdot fil-kmand għandu jikkontrolla li l-ammont ta' fjuwil li jista' jintuża li jkun għad fadal għal waqt it-titjira, ma jkunx anqas mill-fjuwil meħtieġ biex jipproċedi lejn ajrudrom jew lejn sit tal-operat funzjonali li jista' jintlaħaq fil-kundizzjonijiet tat-temp attwali u li r-riżerva tal-fjuwil ippjanata tkun skont kif meħtieġ fil-punti NCO.OP.125 jew NCO.OP.126.”;

(l) il-punt NCO.OP.215 jitħassar;

(m) fil-punt NCO.POL.100, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) Matul kull fażi tal-operazzjoni, it-tagħbija, il-massa u l-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità (CG) tal-inġenju tal-ajru għandhom ikunu konformi ma' kwalunkwe limitazzjoni speċifikata fl-AFM jew fdokument ekwivalenti.”;

- (n) il-punt NCO.POL.105 jinbidel b'dan li ġej:

“NCO.POL.105 Użin

- (a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa u ċ-ċentru tal-gravità tal-inġenju tal-ajru ikunu ġew stabbiliti permezz ta' użin reali qabel ma dan jintuża għall-ewwel darba. L-effetti akkumulati tal-modifiki u t-tiswijiet fuq il-massa u l-bilanċ għandhom jitqiesu u jiġu ddokumentati kif xieraq. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-bdot fil-kmand. L-inġenju tal-ajru għandu jerġa' jintiżen jekk l-effett tal-modifiki fuq il-massa u l-bilanċ ma jkunx magħruf b'mod preċiż.

- (b) L-użin għandu jsir:

- (1) mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata, fil-każ tal-ajruplani u tal-ħelikopters; kif ukoll
- (2) għall-glajders, mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.”;

- (o) is-Subparti D, it-Taqsima 4 titħassar;

- (p) fil-punt NCO.SPEC.115, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

- “(b) Fl-interess tas-sikurezza, matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira jew kull meta dan jitqies neċessarju mill-bdot fil-kmand, il-membri tal-ekwipaġġ għandu jkun marbut fil-post assenjat lilu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-lista ta' kontroll.”;

- (q) f'NCO.SPEC.120, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

- “(b) Fl-interess tas-sikurezza, matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira jew kull meta dan jitqies neċessarju mill-bdot fil-kmand, l-ispeċjalist fil-kompitu għandu jkun marbut fil-post assenjat lilu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-lista ta' kontroll.”;

- (6) L-Anness VIII qed jiġi emendat kif ġej:

- (a) il-punt SPO.GEN.102 huwa emendat kif ġej:

- (i) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

“SPO.GEN.102 Touring motor glajders, glajders bil-mutur”;

- (ii) il-punt (d) jiħassar;

- (b) fil-punt SPO.GEN.105, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

- “(b) Fl-interess tas-sikurezza, matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira jew kull meta dan jitqies neċessarju mill-bdot fil-kmand, il-membri tal-ekwipaġġ għandu jkun marbut fil-post assenjat lilu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-SOP.”;

- (c) fil-punt SPO.GEN.106, il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

- “(b) Fl-interess tas-sikurezza, matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira jew kull meta dan jitqies neċessarju mill-bdot fil-kmand, l-ispeċjalist fil-kompitu għandu jkun marbut fil-post assenjat lilu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-SOP.”;

- (d) Fil-punt SPO.GEN.107(a)(4), il-punti (iii) u (iv) jinbidlu b'dan li ġej:

- “(iii) l-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dik it-titjira huma installati fuq l-inġenju tal-ajru u huma operattivi, diment li tkun permessa l-operazzjoni b'tagħmir mhux operattiv bil-lista ta' tagħmir minimu (MEL) jew b'dokument ekwivalenti, jekk ikun applikabbli, kif mitlub fil-punti SPO.IDE.A.105, SPO.IDE.H.105 jew SPO.IDE.S.105;

- (iv) il-massa tal-inġenju tal-ajru u l-punt taċ-ċentru tal-gravità huma tali li t-titjira tista' tiġi eżegwita fil-limiti preskritti fid-dokumentazzjoni tal-ajrunavigabbiltà.”;

(e) il-punt SPO.GEN.108 jitħassar;

(f) fil-punt SPO.GEN.140, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

“(c) Minkejja l-punt (a), għal titjiriet fuq glajders, esklużi t-TMGs, id-dokumenti u l-informazzjoni fil-punti (a)(1) sa (a)(10) u l-punti (a)(13) sa (a)(19) jistgħu jinġarru fuq il-vettura li tiġbor kolloxx lura.”;

(g) il-punt SPO.OP.121 jitħassar;

(h) il-punt SPO.OP.132 jitħassar;

(i) il-punt SPO.OP.160 jinbidel b'dan li ġej:

“SPO.OP.160 Użu tal-kuffji tal-widna

Kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li huwa meħtieġ li jkun fis-servizz fil-kompartiment tal-ekwipaġġ tat-titjira għandu jilbes kuffji tal-widna b'mikrofonu tal-kuffja jew ekwivalenti u jużah bħala l-apparat primarju biex jikkomunika mal-ATS, ma' membri oħra tal-ekwipaġġ u mal-ispeċjalisti fil-kompitu.”;

(j) il-punt SPO.OP.181 jitħassar;

(k) il-punt SPO.OP.225 jitħassar;

(l) fil-punt SPO.POL.100, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) Matul kull fażi tal-operazzjoni, it-tagħbija, il-massa u l-pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità (CG) tal-inġenju tal-ajru għandhom ikunu konformi ma' kwalunkwe limitazzjoni speċifikata fil-manwal xieraq.”;

(m) il-punt SPO.POL.105 jinbidel b'dan li ġej:

“SPO.POL.105 Massa u bilanċ

(a) L-operatur għandu jiżgura li l-massa u ċ-ċentru tal-gravità tal-inġenju tal-ajru ikunu ġew stabbiliti permezz ta' użin reali qabel ma dan jintuża għall-ewwel darba. L-effetti akkumulati tal-modifiki u t-tiswijiet fuq il-massa u l-bilanċ għandhom jitqiesu u jiġu ddokumentati kif xieraq. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-bdot fil-kmand. L-inġenju tal-ajru għandu jerġa' jintiżen jekk l-effett tal-modifiki fuq il-massa u l-bilanċ ma jkunx magħruf b'mod preċiż.

(b) L-użin għandu jsir:

(1) mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata, fil-każ tal-ajruplani u tal-ħelikopters; kif ukoll

(2) għall-glajders, mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru jew f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.”;

(n) is-Subparti D, it-Taqsima 4 tithassar;

(o) il-punt SPO.SPEC.PAR.120 jitħassar.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/395**tat-13 ta' Marzu 2018****li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni neċessarji biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-operat sikur tal-blalen tal-arja skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, meta inġenji tal-ajru bħal dawn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Fid-dawl tan-natura speċifika tal-operazzjonijiet bil-blalen tal-arja, hemm il-ħtieġa ta' regoli operattivi speċifiċi, stabbiliti f'Regolament awtonomu. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ir-regoli ġenerali għall-operazzjonijiet bl-ajru stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012⁽²⁾, iżda jenħtieġ li jiġu ristrutturati u ssimplifikati, sabiex ikun żgurat li dawn ikunu proporzjonati u msejsa fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, waqt li jkun żgurat li l-operazzjonijiet bil-blalen tal-arja jitwettqu b'mod sikur.
- (3) Madankollu, ir-regoli speċifiċi għall-operazzjonijiet tal-ajru bil-blalen tal-arja jenħtieġ li ma jiġux estiżi għar-rekwiżiti fir-rigward tas-sorveljanza tal-operazzjonijiet tal-ajru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, minħabba li dawk ir-rekwiżiti mhumix speċifiċi għal xi attività partikolari ta' operazzjoni fl-ajru iżda japplikaw b'mod orizzontali fir-rigward ta' attivitajiet bħal dawn. Għalhekk, fir-rigward tas-sorveljanza, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 u fl-Anness II ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jkomplu japplikaw anki fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-ajru bil-blalen tal-arja.
- (4) Fl-interess tas-sikurezza u bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-operaturi kollha tal-blalen tal-arja koperti minn dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-organizzazzjonijiet tad-disinn jew tal-produzzjoni li jwettqu ċerti operazzjonijiet, għandhom ikunu soġġetti għal serje ta' rekwiżiti bażiċi.
- (5) Sabiex tiġi pprovduta protezzjoni addizzjonali għall-passiġġieri tal-blalen tal-arja, jenħtieġ li jiġu previsti ċerti rekwiżiti addizzjonali għall-operaturi involuti fl-operazzjonijiet kummerċjali bil-blalen tal-arja li jenħtieġ li jiġu applikati flimkien mar-rekwiżiti bażiċi.
- (6) Dawk ir-rekwiżiti addizzjonali jenħtieġ li jqisu n-natura anqas kumplessa tal-operazzjonijiet kummerċjali bil-blalen tal-arja meta mqabbla ma' forom oħra ta' avjazzjoni kummerċjali u jenħtieġ li jkunu proporzjonati u msejsa fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Għalhekk, huwa xieraq li r-rekwiżit ta' ċertifikat għall-operazzjonijiet kummerċjali stabbilit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 jiġi sostitwit minn rekwiżit li ssir dikjarazzjoni minn qabel lill-awtorità kompetenti u li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati għal dawn id-dikjarazzjonijiet kif ukoll ċerti rekwiżiti addizzjonali oħra.
- (7) Madankollu, minħabba l-livell ta' kumplessità relattivament baxx u fid-dawl ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, l-operaturi involuti f'ċerti operazzjonijiet kummerċjali bil-blalen tal-arja jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni u minn dawk ir-rekwiżiti addizzjonali, inkluż ir-rekwiżit li ssir dikjarazzjoni minn qabel. Minflok, jenħtieġ li jiġu soġġetti biss għar-rekwiżiti bażiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament li japplikaw għall-operazzjonijiet kollha tal-ajru bil-blalen tal-arja koperti minn dan ir-Regolament.
- (8) Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bla xkiel u kemm jista' jkun tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-introduzzjoni tar-reġim speċifiku għid għall-operazzjonijiet tal-blalen tal-arja stabbilit f'dan ir-Regolament, kwalunkwe ċertifikat, awtorizzazzjoni u approvazzjoni maħruġa lill-operaturi tal-blalen tal-arja skont ir-regoli applikabbli qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkomplu jkunu validi u jitqiesu li jikkostitwixxu dikjarazzjoni

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

magħmula f'konformità ma' dan ir-Regolament għal perġodu ta' żmien limitat. Wara l-iskadenza ta' dak il-perġodu, jenħtieġ li l-operaturi kollha involuti fl-operazzjonijiet kummerċjali bil-blaen tal-arja jagħmlu dikjarazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

- (9) Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bla xkiel u biex il-partijiet kollha kkonċernati jingħataw żmien biżżejjed biex jippreparaw għall-applikazzjoni ta' dak ir-reġim il-ġdid, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika biss minn data xierqa aktar 'il quddiem.
- (10) L-Aġenzija ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ressqithom bħala opinjoni ⁽¹⁾ lill-Kummissjoni f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operazzjonijiet tal-ajru bil-blaen tal-arja, meta inġenji tal-ajru bħal dawn ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet tal-ajru bil-blaen tal-gass marbutin.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ballun tal-arja" tfisser inġenju tal-ajru eħfef mill-arja b'ekwipaġġ li ma jkollux magna u li jtir permezz ta' gass eħfef mill-arja jew permezz ta' sistema ta' tisħin fl-ajru, inklużi l-blaen tal-gass, il-blaen tal-arja sħuna, il-blaen tal-arja mħallta u, għalkemm bil-magna, l-iġfna tal-ajru tal-arja sħuna;
- (2) "ballun tal-gass" tfisser ballun tal-arja ħieles li jtir permezz ta' gass eħfef mill-arja;
- (3) "ballun tal-gass marbut" tfisser ballun tal-gass b'sistema ta' rbit li żżomm il-ballun tal-arja kontinwament ankrat f'punt fiss matul l-operat;
- (4) "ballun tal-arja ħieles" tfisser ballun tal-arja li ma jkunx kontinwament ankrat f'punt fiss matul l-operat;
- (5) "ballun tal-arja sħuna" tfisser ballun tal-arja ħieles li jtir permezz ta' arja msaħħna;
- (6) "ballun tal-arja mħallta" tfisser ballun tal-arja ħieles li jaħdem permezz ta' taħlita ta' arja sħuna u ta' gass mhux f'ammabbli eħfef mill-arja;
- (7) "ġifen tal-ajru li jaħdem bl-arja sħuna" tfisser ballun tal-arja sħuna li jaħdem bil-magna, fejn il-magna ma tagħti l-ebda kontribut għat-tluġ;
- (8) "titjira ta' kompetizzjoni" tfisser kwalunkwe operazzjoni tal-ajru mwettqa b'ballun tal-arja bl-għan ta' parteċi-pazzjoni fi tlielaq jew kompetizzjonijiet tal-ajru, inkluża l-prattika għal dawn l-operazzjonijiet u t-titjiriet minn fejn isiru t-tlielaq jew il-kompetizzjonijiet tal-ajru u lejhom;
- (9) "wirja tat-titjir" tfisser kwalunkwe operazzjoni tal-ajru mwettqa għall-finijiet ta' wiri jew divertiment favveniment irreklamati miftuħ għall-pubbliku, inkluż t-taħriġ għal dawn l-operazzjonijiet u t-titjiriet mill-avveniment irreklamati u lejha;
- (10) "titjira introduttorja" tfisser kwalunkwe operazzjoni tal-ajru bi ħlas jew xi kunsiderazzjoni oħra ta' valur li tikkonsisti f'mawra bl-ajru b'tul ta' żmien qasir, bl-għan li jiġu attirati apprendisti jew membri ġodda, imwettqa minn organizzazzjoni ta' taħriġ approvata f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ⁽²⁾ jew minn organizzazzjoni maħluqa bl-għan li jiġu promossi l-isport tal-ajru jew l-avjazzjoni ta' divertiment;

⁽¹⁾ L-Opinjoni Nru 01/2016 tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tas-6 ta' Jannar 2016 għal Regolament tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regoli operattivi Ewropej għall-blaen tal-arja.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

- (11) “post prinċipali tan-negożju” tfisser l-uffiċċju ewlieni jew l-uffiċċju rreġistrat tal-operatur tal-blalen tal-arja li fih jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv tal-attivitajiet imsemmija f’dan ir-Regolament;
- (12) “ftehim ta’ kiri mingħajr ekwipaġġ” tfisser ftehim bejn impriża li permezz tiegħu l-ballun tal-arja jiġi operat taħt ir-responsabbiltà tal-kerrej.

Artikolu 3

Operazzjonijiet tal-ajru

1. L-operaturi tal-blalen tal-arja għandhom joperaw il-ballun tal-arja skont ir-reqwiżiti stipulati fis-Sottoparti BAS tal-Anness II.

Madankollu, l-ewwel sottoparagrafu ma għandux japplika għall-organizzazzjonijiet relatati mad-disinn jew mal-produzzjoni li huma konformi mal-Artikoli 8 u 9, rispettivament, tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽¹⁾ u li joperaw il-ballun tal-arja, fi ħdan il-kamp ta’ applikazzjoni tal-privileġġi tagħhom, għall-finijiet tal-introduzzjoni jew tal-modifika tat-tipi ta’ blalen tal-arja.

2. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ir-reqwiżit ta’ ċertifikazzjoni stabbilit fih ma għandux japplika għall-operaturi involuti f’operazzjonijiet kummerċjali bil-blalen tal-arja.

Dawk l-operaturi għandhom ikunu biss intitolati li jkunu attivi f’operazzjonijiet kummerċjali bħal dawn wara li jkunu ddikjaraw lill-awtorità kompetenti l-kapaċità tagħhom u l-mezzi sabiex jaqdu r-responsabbiltajiet assoċjati mal-operat tal-ballun tal-arja. Għandhom jagħmlu dik id-dikjarazzjoni u joperaw il-ballun tal-arja, minbarra r-reqwiżiti stipulati fis-Sottoparti BAS, f’konformità mar-reqwiżiti stipulati fis-Sottoparti ADD tal-Anness II.

Madankollu, it-tieni sottoparagrafu ma għandux japplika għall-operaturi involuti f’dawn l-operazzjonijiet bil-blalen tal-arja li ġejjin:

- (a) operazzjonijiet bi spejjeż maqsuma bejn erba’ individwi jew inqas, inkluż il-bdot, diment li l-ispejjeż diretti tat-titjira tal-ballun tal-arja u parti proporzjonali tal-ispejjeż annwali mġarrba għall-ħażna, l-assigurazzjoni u l-manutenzjoni tal-ballun tal-arja jinqasmu bejn dawk l-individwi kollha;
- (b) titjiriet ta’ kompetizzjoni jew wirjiet ta’ titjir, diment li l-ħlas jew kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra ta’ valur għal titjiriet bħal dawn ikunu limitati għall-irkupru tal-ispejjeż diretti tat-titjira tal-ballun tal-arja u ta’ parti proporzjonali tal-ispejjeż annwali mġarrba għall-ħażna, l-assigurazzjoni u l-manutenzjoni tal-ballun tal-arja u li kwalunkwe premju miksub ma jaqbiżx il-valur speċifikat mill-awtorità kompetenti;
- (c) titjiriet introduttorji b’erba’ individwi jew inqas, inkluż il-bdot, u titjiriet għall-finijiet ta’ qbiż bil-paraxut, imwettqa jew minn organizzazzjoni ta’ taħriġ bil-post prinċipali tan-negożju tagħha fi Stat Membru u approvata skont ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011, jew minn organizzazzjoni maħluqa bil-għan li jiġi promoss l-isport tal-ajru jew l-avjazzjoni ta’ divertiment, diment li l-ballun tal-arja jkun operat mill-organizzazzjoni abbażi ta’ sjieda jew ta’ ftehim ta’ kiri mingħajr ekwipaġġ, li t-titjira ma tiġġenerax profitti distribwiti barra mill-organizzazzjoni, u li titjiriet bħal dawn ikunu jirrappreżentaw biss attività marġinali tal-organizzazzjoni;
- (d) titjiriet ta’ taħriġ, imwettqa minn organizzazzjoni ta’ taħriġ li jkollha l-post prinċipali tan-negożju tagħha fi Stat Membru u li tkun ġiet approvata skont ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Iċ-ċertifikati, l-awtorizzazzjonijiet u l-approvazzjonijiet maħruġa lill-operaturi tal-blalen tal-arja mill-Istati Membri qabel it-8 ta’ April 2019 f’konformità mar-Regolament (UE) Nru 965/2012 jew f’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali konformi mal-Artikolu 10(2), (3) u (5)(b) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 għandhom jibqgħu validi sat-8 ta’ Ottubru 2019.

Sat-8 ta’ Ottubru 2019, kull referenza magħmula f’dan ir-Regolament għal dikjarazzjoni għandha tintfiehmed ukoll bħala referenza għaċ-ċertifikati, għall-awtorizzazzjonijiet jew għall-approvazzjonijiet maħruġa mill-Istati Membri qabel it-8 ta’ April 2019.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta’ Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta’ implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta’ inġenji tal-ajru u ta’ prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta’ organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mit-8 ta' April 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

DEFINIZZJONIJIET

[PARTI-DEF]

Għall-finijiet tal-Anness II, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “mezzi aċċettabbli ta’ konformità (AMC)” tfisser standards mhux vinkolanti adottati mill-Aġenzija sabiex juru l-mezzi li bihom tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-regoli ta’ implimentazzjoni tiegħu;
2. “mezzi alternattivi ta’ konformità (AltMOC)” tfisser dawk il-mezzi ta’ konformità li jipproponu alternattiva għal AMC eżistenti, jew dawk li jipproponu mezzi ġodda sabiex tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-regoli ta’ implimentazzjoni tiegħu li għalihom ma ġie adottat l-ebda AMC assoċjat mill-Aġenzija;
3. “il-bdot fil-kmand” tfisser il-bdot maħtur biex ikun fil-kmand u li huwa inkarigat iwettaq it-titjira b’mod sikur;
4. “membru tal-ekwipaġġ” tfisser persuna assenjata minn operatur biex twettaq dmirijiet abbord il-ballun tal-arja jew fuq l-art, fejn id-dmirijiet ikunu direttament relatati mal-operat tal-ballun tal-arja;
5. “membru tal-ekwipaġġ tat-titjira” tfisser membru tal-ekwipaġġ liċenzjat inkarigat bi dmirijiet essenzjali għall-operat ta’ inġenju tal-ajru waqt perjodu ta’ servizz ta’ titjir;
6. “sustanzi psikoattivi” tfisser alkoħol, opjojdi, kannabinojdi, sedattivi u ipnotiċi, kokaina, psikostimulanti oħrajn, alluċinoġeni u solventi volatili, filwaqt li l-kafé u t-tabakk huma esklużi;
7. “aċċident” tfisser okkorrenza assoċjata mal-operat ta’ ballun tal-arja li sseħħ bejn il-mument tal-bidu tal-perjodu tal-inflazzjoni tal-ballun tal-arja u l-mument tad-deflazzjoni totali tal-ballun tal-arja, li fiha:
 - (a) persuna ssofri korrimenti fatali jew serji minħabba li tkun fil-ballun tal-arja jew minħabba kuntatt dirett ma’ xi parti tal-ballun tal-arja, inklużi partijiet li jkunu nqalġhu minn mal-ballun tal-arja, iżda eskluż kwalunkwe korriment ikkawżat minn kawżi naturali jew li sar mill-persuna stess jew minn persuni oħrajn;
 - (b) il-ballun tal-arja ssirlu ħsara jew nuqqas strutturali li jaffettwa b’mod negattiv is-saħħa strutturali, il-prestazzjoni jew il-karatteristiċi tat-titjira tiegħu u li jkun jirrikjedi ħafna tiswija jew il-bdil tal-komponent affettwat; jew
 - (c) il-ballun tal-arja jintilef jew bl-ebda mod ma jkun aċċessibbli;
8. “iċcident” tfisser okkorrenza, minbarra aċċident, assoċjata mal-operat ta’ ballun tal-ajra u li taffettwa jew li tista’ taffettwa s-sikurezza tal-operat tiegħu;
9. “iċcident serju” tfisser okkorrenza assoċjata mal-operat tal-ballun tal-arja li sseħħ bejn il-mument tal-bidu tal-inflazzjoni tal-ballun tal-arja u l-mument meta l-ballun jinżel kompletament, li fiha kien hemm probabilità kbira li jseħħ aċċident;
10. “fażijiet kritiċi tat-titjira” tfisser it-tluġh, l-avviċinament finali, l-avviċinament mhux milħuq, l-inżul u kwalunkwe fażi oħra tat-titjira li l-bdot fil-kmand jiddetermina bħala kritika għall-operat sikur tal-ballun tal-arja;
11. “manwal tat-titjira tal-inġenju tal-ajru (AFM)” tfisser id-dokument li fih il-limitazzjonijiet operattivi applikabbli u approvati u l-informazzjoni fir-rigward tal-ballun tal-arja;
12. “oġġetti perikolużi” tfisser oġġetti jew sustanzi li jistgħu joħlqu riskju għas-saħħa, is-sikurezza, il-proprietà jew l-ambjent u li huma inklużi fil-lista ta’ oġġetti perikolużi fl-istruzzjonijiet tekniċi jew li għandhom jiġu kklassifikati bħala tali skont dawk l-istruzzjonijiet;
13. “struzzjonijiet tekniċi” tfisser l-aħħar edizzjoni applikabbli tal-“Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sikur ta’ Oġġetti Perikolużi bl-Ajru”, inkluż is-suppliment u kwalunkwe addenda, ippubblikata mill-ICAO fid-dokument 9284-AN/905;
14. “sit tal-operat” tfisser sit magħżul mill-bdot fil-kmand jew mill-operatur għall-inżul, it-tluġh jew l-operazzjonijiet ta’ tagħbija esterna;
15. “riforniment” tfisser il-mili taċ-ċilindri tal-fjuwil jew tat-tankijiet tal-fjuwil minn sors estern, eskluża s-sostituzzjoni taċ-ċilindri tal-fjuwil;

16. “lejl” tfisser is-sigħat bejn it-tmiem tal-għabex ċivili ta’ filgħaxija u l-bidu tas-sebħ ċivili ta’ filgħodu. L-għabex ċivili jintemm filgħaxija meta ċ-ċentru ta’ wiċċ ix-xemx ikun 6 gradi taħt l-orizzont u jibda filgħodu meta ċ-ċentru ta’ wiċċ ix-xemx ikun 6 gradi taħt l-orizzont;
 17. “operazzjoni speċjalizzata bil-ballun tal-arja” tfisser kwalunkwe operazzjoni, li tista’ tkun kummerċjali jew le, bil-ballun tal-arja li l-għan ewlieni tagħha mhuwiex il-ġarr tal-passiġġieri għal turiżmu jew biex jesperjenzaw titjira, iżda l-operazzjonijiet bil-paraxut, l-inżul b’hang glider, il-wirjiet ta’ titjiriet, it-titjiriet ta’ kompetizzjoni jew attivitajiet simili speċjalizzati;
 18. “tagħbija tat-traffiku” tfisser il-massa totali tal-passiġġieri, il-bagalji u t-tagħmir speċjalizzat portabbli;
 19. “massa tal-ballun mingħajr arja” tfisser il-massa determinata bl-ippeżar tal-ballun tal-arja bit-tagħmir kollu installat kif speċifikat fl-AFM;
 20. “ftehim tal-kiri bl-ekwipaġġ” tfisser ftehim bejn l-operaturi li permezz tiegħu l-ballun tal-arja jiġi operat taħt ir-responsabbiltà tal-parti li tirċievi l-kera;
 21. “ġarr kummerċjali ta’ passiġġieri bil-ballun tal-arja” (CPB) tfisser forma ta’ operazzjonijiet ta’ trasport bl-ajru kummerċjali permezz ta’ ballun tal-arja fejn il-passiġġieri jinġarru għal turiżmu jew biex jesperjenzaw titjira bi ħlas jew kumpens ieħor ta’ valur;
 22. “operazzjoni tat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT)” tfisser operazzjoni li ssir b’inġenju tal-ajru sabiex jiġu ttrasportati l-passiġġieri, il-merkanzija jew il-posta bi ħlas jew kumpens ieħor ta’ valur.
-

ANNEX II

OPERAZZJONIJIET BIL-BLALEN TAL-ARJA

[PARTI-BOP]

SUBPARTI BAS

REKWIŻITI OPERAZZJONALI BAŻIĊI

Taqsim 1

Rekwiżiti ġenerali

BOP.BAS.001 Kamp ta' applikazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 3, din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati minn kwalunkwe operatur tal-bla len tal-arja, ħliel l-organizzazzjonijiet tad-disinn jew tal-produzzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1).

BOP.BAS.005 Awtorità kompetenti

L-awtorità kompetenti għandha tkun l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li fih l-operatur għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, fejn l-operatur ma għandux post prinċipali tan-negozju, il-post fejn l-operatur huwa stabbilit jew huwa residenti. Dik l-awtorità għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 965/2012 skont l-Artikolu 1(7) ta' dak ir-Regolament.

BOP.BAS.010 Turija ta' konformità

- (a) L-operatur għandu juri l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament meta jintalab jagħmel dan mill-awtorità kompetenti li tkun qed tivverifika l-konformità kontinwa mill-operatur skont il-punt ARO.GEN.300(a)(2) tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 965/2012.
- (b) L-operatur għandu juża kwalunkwe mezz minn dawn li ġejjin biex juri din il-konformità:
 - (1) mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC);
 - (2) mezzi alternattivi ta' konformità (AltMoC).

BOP.BAS.015 Titjiriet introduttorji

It-titjiriet introduttorji għandhom jiġu:

- (a) operati skont regoli tat-titjir viżwali (VFR) binhar; kif ukoll
- (b) sorveljati fir-rigward tas-sikurezza tagħhom minn persuna li tkun ġiet maħtura mill-organizzazzjoni li twettaq it-titjiriet introduttorji.

BOP.BAS.020 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza

L-operatur għandu jimplementa:

- (a) il-miżuri ta' sikurezza ordnati mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt (c) tal-punt ARO.GEN.135 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 965/2012; kif ukoll
- (b) id-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà u informazzjoni oħra obbligatorja maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

BOP.BAS.025 Ħatra bħala bdot fil-kmand

L-operatur għandu jaħtar bdot fil-kmand li jkun kwalifikat biex jaġixxi bħala bdot fil-kmand f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

BOP.BAS.030 Responsabbiltajiet tal-bdot fil-kmand

(a) Il-bdot fil-kmand għandu:

- (1) ikun responsabbli għas-sikurezza tal-ballun tal-arja u ta' kwalunkwe persuna jew proprjetà li jkun hemm fih matul l-operazzjonijiet tal-ballun tal-arja;
- (2) ikun responsabbli għall-bidu, għall-kontinwazzjoni jew għat-tmiem ta' titjira fl-interess tas-sikurezza;
- (3) jiżgura li jkun hemm konformità mal-proċeduri operattivi kollha applikabbli u mal-listi tal-kontroll;
- (4) jibda titjira biss jekk ikun sodisfatt li l-limitazzjonijiet operattivi kollha huma mħarsa, kif ġej:
 - (i) il-ballun tal-arja huwa ajrunavigabbli;
 - (ii) il-ballun tal-arja huwa rreġistrat kif xieraq;
 - (iii) l-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa għat-tweqqif tat-titjira jinġarru abbord tal-ballun tal-arja u jkunu operattivi;
 - (iv) il-massa tal-ballun tal-arja tkun tali li t-titjira tista' ssir fil-limiti definiti mill-AFM;
 - (v) it-tagħmir u l-bagalji kollha tgħabbew u ġew stivati kif suppost; kif ukoll
 - (vi) il-limitazzjonijiet operattivi tal-ballun tal-arja kif speċifikat fl-AFM fl-ebda ħin ma huma se jinqabżu matul it-titjira;
- (5) jiżgura li l-ispezzjoni ta' qabel it-titjira twettqet skont ir-rekwiżiti tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ⁽¹⁾;
- (6) ikun responsabbli għall-għoti tal-informazzjoni ta' qabel it-titjira lil dawk il-persuni li jassistu fl-inflazzjoni u fid-deflazzjoni tal-istruttura tal-ballun tal-arja;
- (7) jiżgura li l-persuni li jassistu fl-inflazzjoni u fid-deflazzjoni tal-istruttura tal-ballun tal-arja jilbsu lbies protettivi xieraq;
- (8) ikun issodisfat li t-tagħmir ta' emerġenza rilevanti għadu faċilment aċċessibbli biex jintuża minnufih;
- (9) jiżgura li l-ebda persuna ma hi qed tpejjeq abbord jew fil-viċinanza tal-ballun tal-arja;
- (10) ma jħallix li tittella' fil-ballun tal-arja persuna li tidher li tkun taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi sal-punt li aktarx din tkun ta' periklu għas-sikurezza tal-ballun tal-arja jew ta' kull persuna jew proprjetà li jkunu fih;
- (11) f'kull ħin matul it-titjira jibqa' fil-kontroll tal-ballun tal-arja ħlief meta jkun hemm bdot ieħor li jkun qed jieħu l-kontrolli;
- (12) jieħu kwalunkwe azzjoni f'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza li tirrikjedi deċiżjoni u azzjoni immedjata li huwa jqis meħtieġa taħt iċ-ċirkostanzi. F'dawn il-każijiet, huwa jista' jiddevja mir-regoli u mill-proċeduri operattivi u mill-metodi stabbiliti sa fejn ikun neċessarju fl-interess tas-sikurezza;
- (13) ma jkomplix b'titjira li tmur lil hinn mill-eqreb sit tal-operat li jista' jintlaħaq fil-kundizzjonijiet tat-temp attwali, meta l-kapaċità tiegħu biex iwettaq il-kompiti tkun imnaqqsa b'mod sinifikanti minħabba mard, għeja, nuqqas ta' ossiġenu jew kwalunkwe kawża oħra;
- (14) jirreġistra d-dejta tal-utilizzazzjoni u d-difetti kollha magħrufa jew suspettati fil-ballun tal-arja fit-tmiem tat-titjira, jew serje ta' titjiriet, fir-reġistru tekniku tal-ballun tal-arja;
- (15) jinnotifika mingħajr dewmien lill-awtorità għall-investigazzjoni tas-sikurezza tal-Istat li fit-territorju tiegħu seħħet l-okkorrenza u s-servizzi ta' emerġenza ta' dak l-Istat permezz tal-mezzi l-aktar rapidi disponibbli dwar kull inċident serju jew aċċident li jinvolvi l-ballun tal-arja;

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠUL 362, 17.12.2014, p. 1).

- (16) jissottometti mingħajr dewmien rapport ta' att ta' interferenza illegali lill-awtorità kompetenti u jinforma lill-awtorità lokali maħtura mill-Istat li fit-territorju tiegħu seħħet l-interferenza illegali; kif ukoll
- (17) jirrapporta mingħajr dewmien lill-unità xierqa tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru (ATS) dwar kwalunkwe kundizzjoni perikoluża tat-temp jew kwalunkwe kundizzjoni tat-titjira li ltaqa'magħha u li tista' taffettwa s-sikurezza tal-inġenji tal-ajru oħrajn.
- (b) Il-bdot fil-kmand ma għandux iwettaq dmirijiet fuq ballun tal-arja f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- (1) meta ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu għal kwalunkwe raġuni bħal korrimment, mard, medikazzjoni, għeja jew minħabba l-effetti ta' xi sustanza psikoattiva, jew jekk ma jkunx jiflaħ;
- (2) jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti mediċi applikabbli.
- (c) Kull meta membri tal-ekwipaġġ ikunu involuti fl-operat tal-ballun tal-arja, il-bdot fil-kmand għandu:
- (1) jiżgura li matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira jew meta jitqies neċessarju fl-interess tas-sikurezza, kull membru tal-ekwipaġġ ikun fil-post assenjat lilu u ma għandu jwettaq l-ebda attività oħra, minbarra dawk meħtieġa għall-operat sikur tal-ballun tal-arja;
- (2) ma jibdiex titjira jekk xi membru tal-ekwipaġġ ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu għal kwalunkwe raġuni, bħal korrimment, mard, medikazzjoni, għeja jew minħabba l-effetti ta' xi sustanza psikoattiva, jew jekk ma jkunx jiflaħ;
- (3) ma jkomplix b'titjira li tmur lil hinn mill-eqreb sit tal-operat li jista' jintlaħaq fil-kundizzjonijiet tat-temp attwali, meta xi membru tal-ekwipaġġ ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod sinifikanti minħabba mard, għeja, nuqqas ta' ossiġenu jew kwalunkwe kawża oħra; kif ukoll
- (4) jiżgura li l-membri kollha tal-ekwipaġġ jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin b'lingwa komuni.

BOP.BAS.035 Awtorità tal-bdot fil-kmand

Il-bdot fil-kmand għandu jkollu l-awtorità li:

- (a) jagħti l-ordnijiet kollha u jieħu kwalunkwe azzjoni xierqa sabiex jiggarantixxi s-sikurezza tal-ballun tal-arja u tal-persuni jew tal-proprietà li jkunu qed jinġarru fih; kif ukoll
- (b) jirrifjuta l-imbarkazzjoni jew il-ġarr ta' kwalunkwe persuna jew bagalja li jistgħu jirrappreżentaw periklu potenzjali għas-sikurezza tal-ballun tal-arja jew tal-persuni jew tal-proprietà li jkunu qed jinġarru fih;

BOP.BAS.040 Responsabbiltajiet tal-membri tal-ekwipaġġ

- (a) Kull membru tal-ekwipaġġ għandu jkun responsabbli għat-twettiq xieraq tad-dmirijiet tiegħu fir-rigward tal-operat tal-ballun tal-arja.
- (b) Il-membri tal-ekwipaġġ ma għandhomx iwettqu dmirijiet fuq il-ballun tal-arja jekk ma jkunux jistgħu għal kwalunkwe raġuni, bħal korrimment, mard, medikazzjoni, għeja jew minħabba l-effetti ta' xi sustanza psikoattiva, jew jekk ma jkunux jifilħu.
- (c) Il-membri tal-ekwipaġġ għandhom jirrapportaw dawn li ġejjin lill-bdot fil-kmand:
- (1) kwanlunkwe ħsara, nuqqas, funzjonament ħażin jew difett li jemmnu li jistgħu jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà jew l-operat sikur tal-ballun tal-arja, inklużi s-sistemi tal-emerġenza;
- (2) kwalunkwe inċident.
- (d) Kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li jwettaq dmirijiet għal aktar minn operatur wieħed għandu:
- (1) jżomm ir-rekords individwali tiegħu rigward il-ħinijiet tat-titjira u l-perjodi ta' mistrieħ, jekk applikabbli; kif ukoll
- (2) jagħti lil kull operatur id-dejta meħtieġa sabiex jiskeda l-attivitajiet skont il-limiti fil-ħin tax-xogħol u tat-titjiriet u r-rekwiżiti dwar il-mistrieħ applikabbli.

BOP.BAS.045 Konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-proċeduri

- (a) Il-bdot fil-kmand u l-membri l-oħra kollha tal-ekwipaġġ għandhom ikunu konformi mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-proċeduri ta' daww l-Istati fejn isiru l-operazzjonijiet.
- (b) Il-bdot fil-kmand għandu jkun familjari mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-proċeduri, relatati mat-twettiq ta' dmirijiet, preskritti għaż-żoni li jridu jiġu ttraversati, is-siti tal-operat li għandhom jintużaw u l-faċilitajiet relatati ta' navigazzjoni fl-ajru.

BOP.BAS.050 Dokumenti, manwali u informazzjoni li għandhom jinġarru abbord

- (a) Id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni kollha li għejjin għandhom jinġarru abbord waqt kull titjira, bħala oriġinali jew kopji:
 - (1) il-limitazzjonijiet tal-operat, il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza u informazzjoni rilevanti oħra speċifika għall-karatteristiċi operattivi tal-ballun tal-arja;
 - (2) id-dettalji tal-pjan tat-titjira ATS imressaq, meta jkun meħtieġ skont it-Taqsima 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ⁽¹⁾;
 - (3) il-mapep ajrunawtiċi attwali u xierqa għaż-żona tat-titjira ppjanata.
- (b) L-informazzjoni, id-dokumenti u l-manwali kollha li għejjin għandhom jinġarru abbord waqt kull titjira, u għandhom jiġu stivati fil-vettura ta' rkupru, bħala oriġinali jew kopji:
 - (1) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni;
 - (2) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, inkluż l-annessi;
 - (3) l-AFM jew dokument/i ekwivalenti;
 - (4) il-liċenzja tar-radju tal-inġenju tal-ajru, meta l-ballun tal-arja jkun mgħammar b'taġhmir għall-komunikazzjoni bir-radju skont il-punt (a) tal-punt BOP.BAS.355;
 - (5) iċ-ċertifikat(i) tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà fil-konfront ta' terzi persuni;
 - (6) ir-reġistru tekniku tal-ballun tal-ajra jew dokument/i ekwivalenti;
 - (7) kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tista' tkun rilevanti għat-titjira jew li tkun meħtieġa mill-Istat jew mill-Istati kkonċernati mit-titjira.
- (c) Meta mitluba mill-awtorità kompetenti, il-bdot fil-kmand jew l-operatur għandu jagħmel disponibbli lil dik l-awtorità d-dokumentazzjoni oriġinali fil-perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità li ma għandux ikun inqas minn 24 siegħa.

BOP.BAS.055 Oġġetti perikolużi

- (a) It-trasport ta' oġġetti perikolużi abbord il-ballun tal-arja għandu jitwettagħ skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 18 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, kif emendata l-aħħar u estiża bl-istruzzjonijiet tekniċi.
- (b) Il-bdot fil-kmand għandu jieħ u l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiġi evitat il-ġarr bi żball ta' oġġetti perikolużi abbord il-ballun tal-arja.
- (c) Kwantitajiet raġonevoli ta' oġġetti u ta' sustanzi li kieku jkunu klassifikati bħala oġġetti perikolużi u li jintużaw biex tiġi ffaċilitata s-sikurezza tat-titjira, meta l-ġarr abbord il-ballun tal-arja jkun rakkomandat biex tkun żgurata d-disponibbiltà f'waqtha tagħhom għal finijiet operattivi, għandhom jitqiesu awtorizzati skont il-punt 2.2.1(a) tal-Parti 1 tal-istruzzjonijiet tekniċi, irrispettivament minn jekk dawn l-oġġetti u s-sustanzi humiex meħtieġa li jinġarru jew maħsubin biex jintużaw b'raba ma' titjira partikolari jew le. Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li l-ippakkjar u t-tagħbija abbord il-ballun tal-arja ta' daww l-oġġetti u s-sustanzi jsir b'tali mod li jitnaqqsu r-riskji għall-membri tal-ekwipaġġ, għall-passiġġieri u għall-ballun tal-arja waqt l-operat.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).

- (d) Il-bdot fil-kmand jew l-operatur, meta l-bdot fil-kmand ma jkunx jista', għandu jirrapporta mingħajr dewmien kwalunkwe aċċident jew inċident li jinvolvu oġġetti perikolużi lill-awtorità għall-investigazzjoni tas-sikurezza tal-Istat li fit-territorju tiegħu seħħet l-okkorrenza, lis-servizzi ta' emerġenza ta' dak l-Istat, lil kwalunkwe awtorità oħra maħtura minn dak l-Istat u lill-awtorità kompetenti.

BOP.BAS.060 Rilaxx ta' oġġetti perikolużi

- (a) Il-bdot fil-kmand ma għandux jirrilaxxa oġġetti perikolużi meta jkun qed jopera ballun tal-arja fuq żoni ta' konġestjoni ta' blet, irħula jew insedjamenti jew fuq ġemgħa fil-miftuħ ta' persuni.
- (b) Minkejja l-punt (a), il-paraxutisti jistgħu jaqbuż mill-ballun tal-arja għall-fini ta' wirja bil-paraxut fuq daww iż-żoni ta' konġestjoni jew fuq ġemgħa fil-miftuħ ta' persuni filwaqt li jgħorru apparati li jħallu d-duħħan warajhom li ġew immanifatturati għal dak l-għan.

BOP.BAS.065 Reġistru tekniku tal-ballun tal-arja

Għal kull titjira, jew serje ta' titjiriet, għandhom jinżammu d-dettalji tal-ballun tal-arja, tal-ekwipaggġ tiegħu u ta' kull jiżgħ fil-forma ta' reġistru tekniku tal-ballun tal-arja jew ta' dokument ekwivalenti.

Taqsim 2

Proċeduri operattivi

BOP.BAS.100 Użu ta' siti tal-operat

Il-bdot fil-kmand għandu juża biss siti tal-operat li jkunu xierqa għat-tip ta' ballun tal-arja u għall-operazzjoni kkonċernata.

BOP.BAS.105 Proċeduri tat-tnaqqis tal-istorbju

Il-bdot fil-kmand għandu jqis il-proċeduri operattivi sabiex jitnaqqas l-effett tal-istorbju tas-sistema tat-tisħin, filwaqt li jiżgħra li s-sikurezza tkun ta' prijetà fuq it-tnaqqis tal-istorbju.

BOP.BAS.110 Provista u ppjanar tal-fjuwil u tas-saborra

Il-bdot fil-kmand għandu jibda b'titjira biss jekk ikun qed iġorr abbord tal-ballun tal-arja riżerva ta' fjuwil jew ta' saborra li tkun biżżejjed biex tiżgħra inżul sikur.

BOP.BAS.115 Għoti ta' informazzjoni lill-passiġġieri

Il-bdot fil-kmand għandu jiżgħra li qabel it-titjira, jew fejn xieraq, matulha, il-passiġġieri jingħataw informazzjoni dwar il-proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza.

BOP.BAS.120 Ġarr ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri

Il-bdot fil-kmand għandu jiżgħra li l-persuni li jeħtieġu kundizzjonijiet, assistenza jew apparati speċjali meta jingħarru abbord il-ballun tal-arja, jingħarru f'kundizzjonijiet li jiżgħuraw is-sikurezza tal-ballun tal-arja u ta' kwalunkwe persuna jew propjetà li jingħarru fih.

BOP.BAS.125 Preżentazzjoni tal-pjan tat-titjira tas-servizz tat-traffiku tal-ajru

- (a) Jekk il-pjan tat-titjira tas-servizz tat-traffiku tal-ajru (ATS) ma jiġix ippreżentat minħabba li mhux meħtieġ skont il-punt (b) tal-punt SERA.4001 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, il-bdot fil-kmand għandu jissottometti l-informazzjoni xierqa sabiex ikunu jistgħu jiġu attivati s-servizzi ta' twissija, f'każ li jkun hemm bżonn.
- (b) Meta ssir operazzjoni minn siti tal-operat fejn ma jkunx possibbli li jiġi ppreżentat il-pjan tat-titjira tal-ATS, għalkemm meħtieġ skont il-punt (b) tal-punt SERA.4001 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, il-bdot fil-kmand għandu jressaq il-pjan tat-titjira tal-ATS wara t-tluq.

BOP.BAS.130 Preparazzjoni tat-titjira

Qabel ma jibda t-titjira, il-bdot fil-kmand għandu jkun familjari mal-informazzjoni meteoroloġika u ajrunawtika disponibbli xierqa għat-titjira ppjanata li tinkludi dawn li ġejjin:

- (a) studju tar-rapporti u tat-tbassir tat-temp attwali disponibbli;
- (b) l-ippjanar ta' azzjoni alternattiva li tipprovi għall-possibbiltà li t-titjira ma tkunx tista' tintemm kif kienet ippjanata.

BOP.BAS.135 Tipjip abbord

L-ebda persuna ma għandha tpejjepp abbord ballun tal-arja matul kwalunkwe fażi tat-titjira jew fil-viċinanzi ta' ballun tal-arja.

BOP.BAS.140 Ġarr u użu ta' armi

- (a) Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li l-ebda persuna ma għorr jew tuża arma abbord il-ballun tal-arja.
- (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a), il-bdot fil-kmand jista' jippermetti l-ġarr u l-użu ta' armi abbord il-ballun tal-arja meta jkun meħtieġ għas-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ jew tal-passiġġieri. F'dawn il-każijiet il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li l-armi jkunu f'post sikur meta ma jkunux qed jintużaw.

BOP.BAS.145 Kundizzjonijiet meteoroloġiċi

Il-bdot fil-kmand għandu jibda jew ikompli biss b'titjira VFR jekk l-aktar informazzjoni meteoroloġika riċenti disponibbli tkun turi li fil-ħin mistenni tal-użu, il-kundizzjonijiet tat-temp tul ir-rotta u fid-destinazzjoni ppjanata jkunu kif ġej:

- (a) fil-livell tal-valuri minimi operattivi applikabbli tal-VFR jew f'livell ogħla minnhom; kif ukoll
- (b) Fi ħdan il-limitazzjonijiet meteoroloġiċi speċifikati fl-AFM.

BOP.BAS.150 Kundizzjonijiet tat-tluġh

Qabel ma jagħti bidu għat-tluġh tal-ballun tal-arja, il-bdot fil-kmand għandu jkun issodisfat li, skont l-informazzjoni disponibbli, it-temp fis-sit tal-operat jippermetti t-tluġh u t-tluq sikur.

BOP.BAS.155 Kundizzjonijiet għall-avviċinament u għall-inżul

Ħlief f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, qabel ma jagħti bidu għat-tluġh tal-ballun tal-arja, il-bdot fil-kmand għandu jkun issodisfat li, skont l-aħħar informazzjoni disponibbli, il-kundizzjonijiet fis-sit tal-operat ippjanat jippermettu avviċinament u inżul sikur.

BOP.BAS.160 Sitwazzjonijiet simulati waqt it-titjir

- (a) Il-bdot fil-kmand ma għandux jissimula sitwazzjonijiet li jeħtieġu l-applikazzjoni ta' proċeduri anormali jew ta' emerġenza meta jkun qed iġorr il-passiġġieri.
- (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a), il-bdot fil-kmand jista' jissimula sitwazzjonijiet bħal dawn, matul operazzjonijiet għajr operazzjonijiet kummerċjali tal-ballun tal-arja, meta jitwettqu titjiriet ta' taħriġ ma' studenti bdoti jew ma' passiġġieri, diment li l-passiġġieri jkunu ġew infurmati b'mod xieraq u jkunu qablu minn qabel fir-rigward tas-simulazzjoni.

BOP.BAS.165 Ġestjoni tal-fjuwil matul it-titjira

Il-bdot fil-kmand għandu jivverifika f'intervalli regolari matul it-titjira li l-ammont ta' fjuwil u ta' sabborra li jistgħu jintużaw u li fadal fit-titjira mhuwiex inqas mill-fjuwil u s-sabborra meħtieġa sabiex ilesti t-titjira u r-riżerva ppjanata għall-inżul.

BOP.BAS.170 Riforniment tal-fjuwil meta jkun hemm persuni abbord

- (a) Ir-riforniment tal-fjuwil tal-blalen tal-arja ma għandux jitwettaq meta jkun hemm persuni abbord.
- (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a), ir-riforniment tal-fjuwil tal-magni tal-iġfna tal-ajru tal-arja sħuna jista' jitwettaq meta jkun hemm il-bdot fil-kmand abbord.

BOP.BAS.175 Użu tas-sistemi ta' trażżin

Meta tkun meħtieġa sistema ta' trażżin skont il-punt BOP.BAS.320, il-bdot fil-kmand għandu jilbes is-sistema tal-anqas matul l-inżul.

BOP.BAS.180 Użu ta' ossiġnu supplimentari

Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li:

- (a) il-membri kollha tal-ekwipaġġ li jkunu qed iwettqu dmirijiet essenzjali għall-operat sikur tal-ballun tal-arja jużaw l-ossiġnu supplimentari b'mod kontinwu kull meta jiddeterminaw li fl-altitudni tat-titjira ppjanata n-nuqqas ta' ossiġnu jista' jirriżulta f'indeboliment tal-fakultajiet tal-membri tal-ekwipaġġ; kif ukoll
- (b) l-ossiġnu supplimentari jkun disponibbli għall-passiġġieri meta n-nuqqas ta' ossiġnu jista' jaffettwahom ħażin.

BOP.BAS.185 Limitazzjonijiet operattivi matul il-lejl

- (a) Blalen tal-arja sħuna:
 - (1) ma għandhomx jinżlu matul il-lejl, ħlief f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; kif ukoll
 - (2) it-tluġ tagħhom jista' jsir matul il-lejl, sakemm jinġarr biżżejjed fjuwil jew savorra għall-inżul binhar.
- (b) blalen tal-gass u blalen tal-arja mħallta:
 - (1) ma għandhomx jinżlu matul il-lejl, ħlief f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew bħala inżul ta' prekawzjoni; kif ukoll
 - (2) it-tluġ tagħhom jista' jsir matul il-lejl, sakemm jinġarr biżżejjed fjuwil jew savorra għall-inżul binhar.
- (c) L-iġfna tal-ajru tal-arja sħuna għandhom jiġu operati skont l-informazzjoni u l-limitazzjonijiet operattivi tal-VFR ta' bil-lejl approvati tagħhom.

BOP.BAS.190 Operazzjonijiet speċjalizzati bil-ballun tal-arja — Valutazzjoni tar-riskji u lista tal-kontroll

- (a) Qabel ma jibda operazzjoni speċjalizzata bil-ballun tal-arja, il-bdot fil-kmand għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskji, li fiha jivvaluta l-kumplessità tal-attività sabiex jiddetermina l-perikli u r-riskji assoċjati tal-operazzjoni ppjanata u jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni fejn meħtieġ.
- (b) Operazzjoni speċjalizzata bil-ballun tal-arja għandha ssir skont il-lista tal-kontroll. Il-bdot fil-kmand għandu jistabbilixxi dik il-lista tal-kontroll u jiżgura li din tkun xierqa għall-attività speċjalizzata u għall-ballun tal-arja użat, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskji u b'kont meħud tar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din is-Subparti. Il-lista tal-kontroll li hija rilevanti għall-qadi tad-dmirijiet tal-bdot fil-kmand, tal-membri l-oħra tal-ekwipaġġ għandha tkun disponibbli faċilment fuq kull titjira.
- (c) Fejn meħtieġ, il-bdot fil-kmand għandu jirrieżamina u jaġġorna b'mod regolari l-lista tal-kontroll sabiex tqis b'mod adegwat il-valutazzjoni tar-riskji.

*Taqsim 3***Prestazzjoni u limitazzjonijiet operattivi****BOP.BAS.200 Limitazzjonijiet operattivi**

Il-bdot fil-kmand għandu jiżgura li, matul kwalunkwe fażi tal-operazzjoni, il-ballun tal-arja ma jkunx qed jaqbeż xi waħda mil-limitazzjonijiet stabbiliti fl-AFM jew f'dokument/i ekwivalenti.

BOP.BAS.205 Użin

- (a) L-użin tal-ballun tal-arja għandu jsir mill-manifattur tal-ballun tal-arja jew skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
- (b) L-operatur għandu jiżgura li l-massa tal-ballun tal-arja tkun ġiet stabbilita permezz ta' użin reali qabel ma' jintuża għall-ewwel darba. L-effetti akkumulati tal-modifiki u t-tiswijiet fuq il-massa għandhom jitqiesu u jiġu ddokumentati kif xieraq. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-bdot fil-kmand. Il-ballun tal-arja għandu jerġa' jintiżen jekk l-effetti tal-modifiki jew tat-tiswijiet fuq il-massa ma jkunux magħrufa.

BOP.BAS.210 Prestazzjoni — Ġenerali

Il-bdot fil-kmand għandu biss jopera l-ballun tal-arja jekk il-prestazzjoni tal-ballun tal-arja tkun xierqa sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 u ma' kwalunkwe restrizzjoni oħra applikabbli għat-titjira, l-isparju tal-ajru jew is-siti tal-operat użati, filwaqt li jiżgura li kwalunkwe ċart jew mappa użata jkunu l-aħħar edizzjoni disponibbli.

*Taqsim 4***Strumenti u tagħmir****BOP.BAS.300 Strumenti u tagħmir — Ġenerali**

- (a) L-istrumenti u t-tagħmir meħtieġa minn din it-Taqsim għandhom jiġu approvati skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 jekk tiġi ssodisfata waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) jintużaw għall-konformità mal-punti BOP.BAS.355 u BOP.BAS.360;
 - (2) huma installati b'mod permanenti fuq il-ballun tal-arja.
- (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a), l-istrumenti kollha jew it-tagħmir kollu li ġejjin, meta jkun meħtieġ minn din it-Taqsim, ma għandhomx jeħtieġu approvazzjoni:
 - (1) l-istrumenti jew it-tagħmir jintużaw mill-ekwipaġġ tat-titjira biex jiddeterminaw il-passaġġ tat-titjira;
 - (2) id-dwal portabbli indipendenti;
 - (3) arloġġ preċiż;
 - (4) il-kaxxa għall-ewwel għajnuna;
 - (5) it-tagħmir tas-sopravivenza u tas-sinjalar;
 - (6) sistema li taħżen u tqassam l-ossiġenu supplimentari;
 - (7) sors alternattiv għall-ignixin;
 - (8) gverta ta' kontra n-nar jew għata ta' materjal reżistenti għan-nar;
 - (9) ċilindru jew pompa tal-idejn għat-tifi tan-nar;
 - (10) ħabel għall-inżul;
 - (11) sikkina.
- (c) L-istrumenti u t-tagħmir li mhumx meħtieġa minn din it-Taqsim, kif ukoll kull tagħmir ieħor li mhuwiex meħtieġ minn dan l-Anness iżda li jinġarr abbord il-ballun tal-arja matul it-titjira, għandhom jikkonformaw maż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) l-informazzjoni pprovduta minn dawn l-istrumenti jew it-tagħmir ma għandhiex tintuża mill-ekwipaġġ tat-titjira sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;
 - (2) l-istrumenti u t-tagħmir ma għandhomx jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tal-ballun tal-arja, anki f'każ li jkollhom xi ħsara jew li ma jaħdmux tajjeb.

- (d) L-istrumenti u t-tagħmir għandhom ikunu operabbli jew aċċessibbli fil-pront minn dak il-post fejn ikun assenjat il-membri tal-ekwipaġġ li jeħtieġ jużahom.
- (e) It-tagħmir tal-emerġenza kollu meħtieġ għandu jkun faċilment aċċessibbli għall-użu immedjat.

BOP.BAS.305 Tagħmir u strumenti minimi għat-titjira

It-titjira bil-ballun tal-arja ma għandhiex tinbeda jekk kwalunkwe wieħed mill-istrumenti jew mit-tagħmir meħtieġa għat-titjira ppjanata bil-ballun tal-arja jkun neqsin, ma jkunux qed jaħdmu jew ma jissodisfawx il-funzjonijiet meħtieġa.

BOP.BAS.310 Dwal operattivi

Il-blalen tal-arja li jiġu operati bil-lejl għandhom ikunu mgħammra b'dawn kollha li ġejjin:

- (a) dawl għal kontra l-habti;
- (b) mezz li jipprovi dawl xieraq għall-istrumenti u għat-tagħmir kollha essenzjali għall-operat sikur tal-ballun tal-arja;
- (c) dawl portabbli indipendenti.

BOP.BAS.315 Strumenti u tagħmir tat-titjir u tan-navigazzjoni

Il-blalen tal-arja li jiġu operati binhar skont il-VFR għandhom ikunu mgħammra b'dawn li ġejjin:

- (a) mezz għall-wiri tad-direzzjoni tad-drift;
- (b) mezz għall-kejl u għall-wiri:
 - (1) il-ħin f'sigħat, minuti u sekondi;
 - (2) il-veloċità vertikali, jekk meħtieġ mill-AFM; kif ukoll
 - (3) l-altitudni tal-pressure, jekk meħtieġ skont l-AFM, meta meħtieġ skont ir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru jew meta l-altitudni jeħtieġ li tkun magħrufa għall-fini tal-użu tal-ossiġenu.

BOP.BAS.320 Sistemi ta' trażżin

Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' trażżin għall-bdot fil-kmand meta l-ballun tal-arja jkun mgħammar b'waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) kompartment separat għall-bdot fil-kmand;
- (b) vent(ijiet) ta' rotazzjoni ("turning vent(s)").

BOP.BAS.325 Ossiġenu supplimentari

Il-blalen tal-arja li jiġu operati meta tkun meħtieġa l-provvista tal-ossiġenu f'konformità mal-punt BOP.BAS.180 għandhom ikunu mgħammra b'sistema li kapaċi taħżen u tqassam il-provvisti tal-ossiġenu meħtieġa.

BOP.BAS.330 Kaxxa għall-ewwel għajnuna

- (a) Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'kaxxa għall-ewwel għajnuna.
- (b) Il-kaxxa għall-ewwel għajnuna għandhom ikunu:
 - (1) faċilment aċċessibbli għall-użu; kif ukoll
 - (2) jinżammu aġġornati.

BOP.BAS.335 Ċilindri jew pompi tal-idejn għat-tifi tan-nar

Il-blalen tal-arja, ħliet il-blalen tal-gass għandhom ikunu mgħammra tal-inqas b'ċilindru wieħed jew pompa waħda għat-tifi tan-nar:

BOP.BAS.340 Tagħmir tas-sopravivenza u tas-sinjalar – Titjiriet fuq l-ilma

Il-bdot fil-kmand ta' ballun tal-arja li jiġi operat fuq l-ilma għandu jiddetermina, qabel il-bidu tat-titjira, ir-riskji għas-sopravivenza tal-persuni ttrasportati fuq il-ballun tal-arja fil-każ ta' nżul ta' emerġenza. Fid-dawl ta' daww ir-riskji, il-bdot fil-kmand għandu jiddetermina jekk hemmx bżonn li jinġarr tagħmir tas-sopravivenza u tas-sinjalar.

BOP.BAS.345 Tagħmir tas-sopravivenza u tas-sinjalar – Diffikultajiet fit-tfittxija u s-salvataġġ

Il-blalen tal-arja li jiġu operati fuq żoni li fihom it-tiftix u s-salvataġġ (SAR) ikunu partikolarment diffiċli, għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir tas-sopravivenza u tas-sinjalar, skont kif ikun xieraq għaż-żona li fuqha se titwettaq it-titjira.

BOP.BAS.350 Tagħmir mixxellanju

- (a) Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra b'ingwanti protettivi għal kull membru tal-ekwipaġġ.
- (b) Il-blalen tal-arja mħallta, il-blalen tal-arja sħuna u l-iġfna tal-ajru tal-arja sħuna għandhom ikunu mgħammra b'dawn kollha li ġejjin:
 - (1) sors indipendenti u alternattiv għall-ignixin;
 - (2) mezz li jkejjel u jindika l-kwantità tal-fjuwil;
 - (3) gverta ta' kontra n-nar jew għata ta' materjal reżistenti għan-nar;
 - (4) ħabel għall-inżul b'tul ta' mill-anqas 25 metru.
- (c) Il-blalen tal-gass għandhom ikunu mgħammra b'dawn li ġejjin:
 - (1) sikkina;
 - (2) ħabel għall-inżul b'tul ta' mill-anqas 20 m magħmul minn fibra naturali jew materjal konduttiv elettrostatiku.

BOP.BAS.355 Tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju

- (a) Il-blalen tal-arja għandu jkollhom tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju li jippermetti l-komunikazzjoni meħtieġa skont l-appendiċi 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 u, jekk it-titjira ssir fl-ispazju tal-ajru ta' pajjiż terz, il-liġi ta' dak il-pajjiż terz.
- (b) It-tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju għandu jippermetti l-komunikazzjoni fuq il-frekwenza għall-emerġenzi ajrunawtiċi 121,5 MHz.

BOP.BAS.360 Transponder

Il-blalen tal-arja għandhom ikunu mgħammra bi transponder tar-radar sekondarju ta' sorveljanza (SSR) bil-kapaċitajiet kollha meħtieġa skont il-punt (b) tal-punt SERA.6005 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 u, jekk it-titjira ssir fl-ispazju tal-ajru ta' pajjiż terz, il-liġi ta' dak il-pajjiż terz.

*SUBPARTI ADD***REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-OPERAZZJONIJIET KUMMERĊJALI***Taqsim 1***Rekwiżiti organizzattivi ġenerali****BOP.ADD.001 Kamp ta' applikazzjoni**

F'konformità mal-Artikolu 3, din is-Subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati, flimkien mar-rekwiżiti tas-Subparti BAS, minn kwalunkwe operatur involut f'operazzjonijiet kummerċjali bi blalen tal-arja, ħliet l-operaturi msemmija fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 3(2).

BOP.ADD.005 Responsabbiltajiet tal-operatur

- (a) L-operatur għandu jkun responsabbli għall-operat tal-ballun tal-arja skont ir-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, mar-rekwiżiti ta' din is-Subparti u mad-dikjarazzjoni tagħha.
- (b) Kull titjira għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-manwal tal-operat.
- (c) L-operatur għandu jiżgura li l-ballun tal-arja jkun mgħammar u li l-membri tal-ekwipaġġ tiegħu jkunu kkwalifikati kif meħtieġ għaż-żona u t-tip ta' operazzjoni.
- (d) L-operatur għandu jiżgura li l-membri kollha tal-ekwipaġġ assenjati għal operazzjonijiet ta' titjir jew li jkunu direttament involuti fihom, ikunu konformi mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (1) ikunu mħarrġa u jingħataw struzzjonijiet kif xieraq;
 - (2) ikunu konxji tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti għad-dmirijiet partikolari tagħhom;
 - (3) ikunu wrew il-kapaċitajiet tagħhom fid-dmirijiet partikolari tagħhom;
 - (4) ikunu konxji tar-responsabbiltajiet tagħhom u tar-relazzjoni ta' tali dmirijiet mal-operazzjoni kollha tal-ballun tal-arja.
- (e) L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri u struzzjonijiet għall-operat sikur ta' kull tip ta' ballun tal-arja, li jkun fihom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-membri tal-ekwipaġġ, għal kull tip ta' operazzjoni. Dawk il-proċeduri u l-istruzzjonijiet ma għandhomx jeħtieġu li l-membri tal-ekwipaġġ iwettqu xi attività matul il-fażijiet kritiċi tat-titjira għajr dawk meħtieġa għall-operat sikur tal-ballun tal-arja.
- (f) L-operatur għandu jagħmel arranġamenti għas-supervizzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ u tal-persunal involuti fl-operazzjoni tal-ballun tal-arja minn individwi li għandhom l-esperjenza u l-ħiliet xierqa sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-istandards speċifikati fil-manwal tal-operat.
- (g) L-operatur għandu jiżgura li l-membri kollha tal-ekwipaġġ u l-persunal kollu involuti fl-operazzjoni tal-ballun tal-arja jiġu mgħarrfa li għandhom ikunu konformi mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-proċeduri tal-Istati li fihom jitwettqu l-operazzjonijiet li huma rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.
- (h) L-operatur għandu jispeċifika l-proċeduri ta' ppjanar tat-titjira sabiex jiżgura li t-titjira titwettag b'mod sikur abbażi tal-kunsiderazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-ballun tal-arja, tal-limitazzjonijiet operattivi oħrajn u tal-kundizzjonijiet rilevanti li mistennija jkun hemm tul ir-rotta li għandha tiġi segwita u fis-siti tal-operat ikkonċernati. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu inklużi fil-manwal tal-operat.

BOP.ADD.010 Notifika tal-mezzi alternattivi ta' konformità

L-operatur għandu, meta jagħmel id-dikjarazzjoni skont il-punt BOP.ADD.100, jinnotifika lill-awtorità kompetenti l-lista tal-mezzi alternattivi ta' konformità (AltMOC), fejn beħsiebu juża l-AltMOC biex juri l-konformità meta mitlub skont il-punt BOP.BAS.010. Dik il-lista għandu jkun fiha referenzi għall-mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC) li huma jissostitwixxu fil-każ li AMC assoċjati jkunu ġew adottati mill-Aġenzija.

BOP.ADD.015 Aċċess

- (a) Sabiex tiġi stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jagħti l-aċċess lil kwalunkwe persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti, fi kwalunkwe ħin, għal kwalunkwe faċilità, ballun tal-arja, dokument, rekords, dejta, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor li huwa rilevanti għall-attività tal-operatur li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, irrISPettivament minn jekk l-attività tkunx ikkuntrattata jew le.
- (b) L-aċċess għall-ballun tal-arja għandu, f'każ ta' ġarr kummerċjali ta' passiġġieri bil-ballun tal-arja, jinkludi l-possibbiltà li wieħed jidħol u jibqa' fuq il-ballun tal-arja matul l-operazzjonijiet ta' titjir, sakemm dan ma jipperikolax it-titjira.

BOP.ADD.020 Sejbiet

Wara l-wasla tan-notifika tas-sejbiet imressqa mill-awtorità kompetenti skont il-punti ARO.GEN.350, ARO.GEN.355 u ARO.GEN.360 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, l-operatur għandu jagħmel dan kollu li ġej:

- (a) jidentifika l-kawża ewlenija tan-nuqqas ta' konformità;

- (b) ifassal pjan ta' azzjoni korrettiva;
- (c) juri l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti fi ħdan il-perjodu ta' żmien speċifikat minn dik l-awtorità skont il-punt ARO.GEN.350 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

BOP.ADD.025 Rappurtar tal-okkorrenzi

- (a) L-operatur għandu jimplimenta, bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tiegħu, skema ta' rappurtar tal-okkorrenzi li għandha tipprevedi rappurtar obbligatorju u volontarju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (b) Mingħajr ħsara għall-punt (a), l-operatur għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti u lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tal-ballun tal-arja kwalunkwe ħsara, difett tekniku, qbiż tal-limiti tekniċi jew okkorrenza li tista' tenfasizza nuqqas ta' preċiżjoni u ta' komplettezza kif ukoll ambigwiżità ta' informazzjoni inkluża fid-dejta stabbilita skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 u kwalunkwe okkorrenza oħra li tikkostitwixxi inċident iżda mhux aċċident jew inċident serju.
- (c) L-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ min-naħa tal-bdot fil-kmand, ta' kull membru tal-ekwipaġġ u tal-persunal kollu tiegħu fir-rigward ta' kull inċident serju jew aċċident assoċjati mal-operat ta' ballun tal-arja.

BOP.ADD.030 Sistemi ta' ġestjoni

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm sistema ta' ġestjoni li tkun tinkludi dawn kollha li ġejjin:
 - (1) linji ta' responsabbiltà u ta' akkontabbiltà li jkunu ddefiniti b'mod ċar fl-organizzazzjoni kollha tal-operatur, inkluża l-akkontabbiltà diretta għas-sikurezza tal-manijer responsabbli;
 - (2) deskrizzjoni tal-filosofiji u tal-prinċipji ġenerali tal-operatur marbutin mas-sikurezza, li għandhom ikunu magħrufa bħala l-politika tas-sikurezza;
 - (3) l-identifikazzjoni ta' perikli għas-sikurezza fil-qasam tal-avjazzjoni li jkunu ġejjin mill-attivitajiet tal-operatur, l-evalwazzjoni ta' dawk il-perikli u l-ġestjoni tar-riskji assoċjati, inkluż it-teħid ta' azzjonijiet biex itaffu dawk ir-riskji fejn meħtieġ u biex tiġi vverifikata l-effikaċja ta' dawk l-azzjonijiet;
 - (4) iż-żamma ta' persunal imħarreġ u kompetenti biex jaqdi l-kompiti tiegħu;
 - (5) id-dokumenti tal-proċessi ewlenin kollha tas-sistema ta' ġestjoni, inkluż proċess biex l-impjegati jkunu jafu r-responsabbiltajiet tagħhom, u l-proċedura biex jiġu emendati dawk id-dokumenti;
 - (6) funzjoni biex tiġi mmonitorjata l-konformità tal-operatur mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness. Dan il-monitoraġġ tal-konformità għandu jinkludi sistema ta' rispons għas-sejbiet lill-manijer responsabbli tal-operatur biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi hekk kif ikun meħtieġ;
 - (7) il-proċessi meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 4, 5, 6 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 376/2014.
- (b) Is-sistema ta' ġestjoni għandha tikkorrispondi għad-daqs tal-operatur u għan-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tiegħu, filwaqt li tqis il-perikli u r-riskji assoċjati ta' dawk l-attivitajiet.

BOP.ADD.035 Attivitajiet ikkuntrattati

Meta jikkuntratta kwalunkwe parti mill-attività tiegħu li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jkun responsabbli u jiżgura li l-organizzazzjoni kkontrattata twettaq l-attività skont ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-operatur għandu jiżgura wkoll li l-awtorità kompetenti tingħata aċċess għall-organizzazzjoni li tkun ingħatat il-kuntratt, biex tistabbilixxi l-konformità tal-operatur ma' dawk ir-rekwiżiti.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

BOP.ADD.040 Rekwiżiti tal-persunal

- (a) L-operatur għandu jaħtar maniġer responsabbli li jkollu l-awtorità biex jiżgura li l-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-maniġer responsabbli għandu jkun responsabbli għall-istabbiliment u għaż-żamma ta' sistema ta' ġestjoni effettiva.
- (b) L-operatur għandu:
- (1) jidentifika r-responsabbiltajiet tal-persunal tiegħu għall-kompiti u l-attivitajiet kollha li għandhom jitwettqu;
 - (2) ikollu biżżejjed persunal ikkwalifikat biex iwettaq dawk il-kompiti u l-attivitajiet; kif ukoll
 - (3) iżomm ir-rekords xierqa tal-esperjenza, tal-kwalifiki u tat-taħriġ tal-persunal tiegħu.
- (c) L-operatur għandu jaħtar persuna jew aktar li jkunu responsabbli għall-ġestjoni u s-supervizzjoni tal-oqsma kollha li ġejjin:
- (1) l-operazzjonijiet tat-titjir;
 - (2) l-operazzjonijiet ta' fuq l-art;
 - (3) l-ajrunavigabbiltà kontinwa, skont ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014.

BOP.ADD.045 Rekwiżiti tal-faċilità

L-operatur għandu jkollu faċilitajiet li jkunu biżżejjed biex jippermettu t-twettiq u l-ġestjoni tal-kompiti u l-attivitajiet kollha meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Taqsim 2***Dikjarazzjoni, ajrunavigabbiltà kif ukoll kiri bl-ekwipaġġ u kiri mingħajr ekwipaġġ****BOP.ADD.100 Dikjarazzjoni**

- (a) Fid-dikjarazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) l-operatur għandu jikkonferma li huwa jikkonforma u se jkompli jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (b) L-operatur għandu jinkludi fid-dikjarazzjoni l-informazzjoni kollha li ġejja:
- (1) l-isem tal-operatur,
 - (2) il-post fejn l-operatur għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu;
 - (3) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-maniġer responsabbli tal-operatur;
 - (4) id-data tal-bidu tal-operazzjoni kummerċjali u, fejn rilevanti, id-data li fiha tkun saret bidla fl-operazzjoni kummerċjali attwali;
 - (5) fir-rigward tal-blalen tal-arja kollha użati għall-operazzjoni kummerċjali, it-tip ta' ballun tal-arja, ir-reġistrazzjoni, il-bażi ewlenija, it-tip ta' operazzjoni u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.
- (c) Fejn applikabbli, l-operatur għandu jehmeż mad-dikjarazzjoni l-lista ta' mezzi alternattivi ta' konformità (AltMOC), skont il-punt BOP.ADD.010.
- (d) Meta jagħmel id-dikjarazzjoni, l-operatur għandu juża l-formola li tinsab fl-Appendiċi ta' dan l-Anness.

BOP.ADD.105 Bdil fid-dikjarazzjoni u l-waqfien tal-operazzjonijiet kummerċjali

- (a) L-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien dwar kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi li taffettwa l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kif iddikjarat lill-awtorità kompetenti, u dwar kwalunkwe bidla fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-punt BOP.ADD.100(b) u tal-lista ta' AltMOC imsemmija fil-punt BOP.ADD.100(c), inklużi fid-dikjarazzjoni jew mehmużin magħha.
- (b) L-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien meta ma jibqax aktar involut fl-operazzjonijiet kummerċjali bil-balen tal-arja.

BOP.ADD.110 Rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà

Il-balen tal-arja għandu jkollhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 jew, fil-każ ta' ballun tal-arja rreġstrat f'pajjiż terz, għandu jkun soġġett għal ftehim ta' kiri b'ekwipaġġ jew għal ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ skont il-punt BOP.ADD.115.

BOP.ADD.115 Ftehim ta' kiri b'ekwipaġġ u ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ ta' ballun tal-arja rreġstrat f'pajjiż terz

- (a) L-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe ftehim ta' kiri b'ekwipaġġ jew ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ li jikkonċernaw ballun tal-arja rreġstrat f'pajjiż terz
- (b) Meta ballun tal-arja rreġstrat f'pajjiż terz ikun soġġett għal ftehim ta' kiri b'ekwipaġġ, l-operatur għandu jiżgura li l-livell ta' sikurezza li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-istandards tas-sikurezza fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-operazzjonijiet tal-ajru li għalihom huwa soġġett l-operatur tal-ballun tal-arja, ikun tal-inqas ekwivalenti għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 u ta' dan ir-Regolament.
- (c) Meta ballun tal-arja rreġstrat f'pajjiż terz ikun soġġett għal ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ, l-operatur għandu jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relatati mal-ajrunavigabbiltà kontinwa stabbiliti fl-Annessi I u IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Taqsim 3***Manwali u reġistri****BOP.ADD.200 Manwal tal-operat**

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi manwal tal-operat
- (b) Il-kontenut tal-manwal tal-operat għandu jirrifletti r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness u ma għandux imur kontra kwalunkwe informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni tal-operatur.
- (c) Il-manwal tal-operat jista' jiġi stabbilit f'partijiet separati.
- (d) Il-persunal kollu tal-operatur għandu jkollu aċċess faċli għall-partijiet tal-manwal tal-operat li huma rilevanti għad-dmirijiet tiegħu.
- (e) Il-manwal tal-operat għandu jinżamm aġġornat. Il-persunal kollu tal-operatur għandu jkun mgħarraf dwar kwalunkwe emenda fil-manwal tal-operat li hija rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.
- (f) L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe informazzjoni użata bħala l-bażi għall-kontenut tal-manwal tal-operat u kwalunkwe emenda tiegħu tiġi riflessa b'mod korrett fil-manwal tal-operat.
- (g) L-operatur għandu jiżgura li l-persunal kollu jkun kapaċi jifhem il-lingwa li fiha jkunu miktuba dawk il-partijiet tal-manwal tal-operat li jkunu rilevanti għad-dmirijiet tiegħu. Il-kontenut tal-manwal tal-operat għandu jkun ippreżentat f'forma li tista' tintuża mingħajr diffikultajiet.

BOP.ADD.205 Żamma ta' rekords

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi sistema ta' żamma tar-rekords li tippermetti ħażna xierqa u traċċabbiltà affidabbli tal-attivitajiet tiegħu.
- (b) Il-format tar-rekords għandu jiġi speċifikat fil-proċeduri tal-operatur jew fil-manwali.

Taqsim 4

Ekwipaġġ tat-titjira**BOP.ADD.300 Kompożizzjoni tal-ekwipaġġ tat-titjira**

- (a) Il-kompożizzjoni tal-ekwipaġġ tat-titjira għandha tkun, bħala minimu, kif speċifikata fl-AFM jew fil-limitazzjonijiet operattivi preskritti għall-ballun tal-arja.
- (b) L-ekwipaġġ tat-titjira għandu jinkludi membri addizzjonali tal-ekwipaġġ tat-titjira meta t-tip ta' operazzjoni tkun teħtieġ dan. L-għadd tal-ekwipaġġ tat-titjira ma għandux ikun inqas mill-għadd speċifikat fil-manwal tal-operat.
- (c) Il-membri kollha tal-ekwipaġġ tat-titjira għandu jkollhom liċenzja u klassifikazzjonijiet maħruġin jew aċċettati skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 u li jkunu xierqa għad-dmirijiet assenjati lilhom.
- (d) Matul it-titjira membru tal-ekwipaġġ tat-titjira jista' jiġi sostitwit fid-dmirijiet tiegħu mal-kontrolli minn membru tal-ekwipaġġ tat-titjira ieħor li jkollu l-kwalifiki xierqa.
- (e) Meta juża s-servizzi ta' membri tal-ekwipaġġ tat-titjira li jkunu jaħdmu bħala ħaddiema indipendenti jew ħaddiema part-time, l-operatur għandu jivverifika li jkun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (1) ir-rekwiżiti ta' din is-Subparti;
 - (2) L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011, inklużi r-rekwiżiti dwar l-esperjenza riċenti;
 - (3) it-titjira u l-limiti fil-ħin tax-xogħol kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-mistrieħ f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu, filwaqt li jitqiesu s-servizzi kollha mogħtija mill-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira lil operaturi oħra.

BOP.ADD.305 Ħatra bħala bdot fil-kmand

- (a) L-operatur għandu jaħtar bdot wieħed minn fost l-ekwipaġġ tat-titjira bħala l-bdot fil-kmand.
- (b) L-operatur għandu jaħtar biss bdot biex jaġixxi bħala bdot fil-kmand jekk dan:
 - (1) ikun kwalifikat biex jaġixxi bħala bdot fil-kmand f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011;
 - (2) ikollu l-livell minimu ta' esperjenza speċifikat fil-manwal tal-operat; kif ukoll
 - (3) Ikollu għarfien xieraq taż-żona li fuqha tkun se ssir it-titjira.

BOP.ADD.310 Għoti ta' taħriġ u kontrolli

It-taħriġ u l-kontrolli kollha tal-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġa skont il-punt BOP.ADD.315 għandhom jiġu pprovduti kif ġej:

- (a) skont il-programmi u s-sillabi tat-taħriġ stabbiliti mill-operatur fil-manwal tal-operat;
- (b) minn persuni kkwalfikati kif xieraq u, fir-rigward tat-taħriġ u l-kontrolli mwettqa waqt it-titjira, minn persuna kkwalfikata skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011.

BOP.ADD.315 Taħriġ rikorrenti u kontrolli regolari

- (a) Kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira għandu jtemm taħriġ rikorrenti kull sentejn dwar il-proċeduri ta' fuq l-art u dwar it-titjira li jkun rilevanti għall-klassi tal-ballun tal-arja li jaħdem fuqu, inkluż taħriġ dwar fejn jinsab it-tagħmir kollu tal-emerġenza u tas-sikurezza li jkun qiegħed jinġarr abbord u dwar kif jintuża dan it-tagħmir.
- (b) Kull membru tal-ekwipaġġ tat-titjira għandu jkun għadda mill-kontrolli tal-profiċjenza tal-operatur biex juri l-kompetenza tiegħu fit-twettiq ta' proċeduri normali, anormali u ta' emerġenza, li jkopru l-aspetti rilevanti assoċjati mal-kompiti speċjalizzati deskritti fil-manwal tal-operat. Fit-twettiq ta' dawk il-kontrolli, għandhom jitqiesu l-membri tal-ekwipaġġ li jwettqu operazzjonijiet skont il-VFR biljejl.
- (c) Il-validità tal-kontroll tal-profiċjenza tal-operatur għandha tkun għal 24 xahar kalendarju, li jibdw jgħoddu minn tmiem ix-xahar li matulu jkun sar il-kontroll jew, fil-każ li l-kontroll ikun sar fl-aħħar 3 xhur tal-perjodu ta' validità tal-kontroll preċedenti, mill-aħħar ġurnata tal-perjodu ta' validità ta' dak il-kontroll preċedenti.

Taqsimha 5

Rekwiżiti operattivi ġenerali**BOP.ADD.400 Responsabbiltajiet tal-bdot fil-kmand**

Il-bdot fil-kmand għandu jikkonforma ma' dawn li ġejjin:

- (a) ir-rekwiżiti rilevanti tal-iskema ta' rapportar tal-okkorrenzi tal-operatur imsemmija fil-punt BOP.ADD.025;
- (b) it-titjira u l-limiti fil-ħin tax-xogħol kif ukoll ir-rekwiżiti dwar il-mistrieħ applikabbli għall-attivitajiet tiegħu f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

BOP.ADD.405 Awtorità tal-bdot fil-kmand

Minkejja l-punt BOP.BAS.035, l-operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-persuni kollha li jinġarru fil-ballun tal-arja jobdu l-ordnijiet legali kollha mogħtija mill-bdot fil-kmand sabiex tkun żgurata s-sikurezza tal-ballun tal-arja, ta' kwalunkwe persuna jew proprjetà li jinġarru fih jew ta' kwalunkwe persuna jew proprjetà fuq l-art.

BOP.ADD.410 Membru tal-ekwipaġġ addizzjonali tal-ballun tal-arja

Meta ballun tal-arja jgħorr iktar minn 19-il passiġġier, tal-inqas membru tal-ekwipaġġ addizzjonali għandu jkun preżenti abbord tal-ballun tal-arja flimkien mal-ekwipaġġ tat-titjira kif meħtieġ skont il-punti (a) u (b) tal-punt BOP.ADD.300 biex jassisti lill-passiġġieri fil-każ ta' emerġenza. Dak il-membru tal-ekwipaġġ addizzjonali għandu jkollu esperjenza u taħriġ xierqa.

BOP.ADD.415 Idoneità relatata mal-għadis fl-ilma fond u l-ġhoti tad-demmi

Il-membri tal-ekwipaġġ ma għandhomx iwettqu l-ebda dmir fuq il-ballun tal-arja jekk l-idoneità tagħhom ma tibqax tajba wara għadis fl-ilma fond jew wara li jkun taw id-demmi

BOP.ADD.420 Lingwa komuni

L-operatur għandu jiżgura li l-membri kollha tal-ekwipaġġ ikunu jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin b'lingwa komuni.

BOP.ADD.425 Sustanzi psikoattivi

L-operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-ebda persuna ma tidħol jew tkun fuq il-ballun tal-arja jekk tkun taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi sal-punt li din il-persuna tkun x'aktarx ta' periklu għas-sikurezza tal-ballun tal-arja, ta' kwalunkwe persuna jew proprjetà li jkun fih jew ta' kwalunkwe persuna jew proprjetà fuq l-art.

BOP.ADD.430 Periklu

L-operatur għandu jieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-ebda persuna ma taġixxi b'mod intenzjonat, bi traskuraġni jew negliġenza, jew tonqos milli taġixxi u tispiċċa biex:

- (a) tipperikola ballun tal-arja jew persuna fih jew fuq l-art;
- (b) tikkawża jew tippermetti li l-ballun tal-arja jipperikola kwalunkwe persuna jew proprjetà.

BOP.ADD.435 Dokumenti, manwali u informazzjoni li għandhom jinġarru

- (a) Id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni kollha li ġejjin għandhom jinġarru abbord waqt kull titjira, bħala oriġinali jew kopji:
 - (1) id-dikjarazzjoni magħmula mill-operatur;
 - (2) l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiftix u ta' salvataġġ għaż-żona tat-titjira ppjanata;
 - (3) il-pjan operattiv tat-titjira.

- (b) Id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni kollha li għejjin għandhom jinżammu f'post sikur, mhux abbord il-ballun tal-arja matul titjira, bħala oriġinali:
- (1) id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni msemija fil-punt (a), meta kopji tagħhom jinġarru abbord il-ballun tal-arja matul titjira;
 - (2) il-partijiet attwali tal-manwal tal-operat jew tal-proċeduri operattivi standard (SOPs) li huma rilevanti għadmirijiet tal-membri tal-ekwipaġġ, li għandhom ikunu faċilment aċċessibbli għall-membri tal-ekwipaġġ;
 - (3) il-listi tal-passiġġieri, meta jinġarru passiġġieri;
 - (4) id-dokumentazzjoni dwar il-massa msemija fil-punt (c) tal-punt BOP.ADD.600.
- (c) Meta mitluba mill-awtorità kompetenti, il-bdot fil-kmand jew l-operatur għandhom jagħmlu disponibbli lil dik l-awtorità d-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni oriġinali fil-perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità li ma għandux ikun inqas minn 24 siegħa.

BOP.ADD.440 Oġġetti perikolużi

L-operatur għandu:

- (a) jistabbilixxi l-proċeduri li bihom jiżgura li jittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jiġi evitat il-ġarr bi żball ta' oġġetti perikolużi abbord il-ballun tal-arja; kif ukoll
- (b) jipprovdi lill-membri tal-ekwipaġġ bl-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijietom b'mod adegwat fir-rigward ta' kwalunkwe oġġett perikoluż li jinġarr jew li huwa maħsub li jinġarr abbord il-ballun tal-arja.

Taqsim 6

Proċeduri operattivi

BOP.ADD.500 Kalkoli tal-fjuwil u tas-saborra

L-operatur għandu jiżgura li l-kalkoli fir-rigward tar-riżerva tal-fjuwil jew tas-saborra jkunu ddokumentati fi pjan operattiv tat-titjira.

BOP.ADD.505 Ġarr ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri

L-operatur għandu jistabbilixxi l-proċeduri għall-ġarr tal-persuni li jeħtieġu kundizzjonijiet, assistenza jew apparati speċjali meta jinġarru abbord ballun tal-arja skont kundizzjonijiet li jiżguraw is-sikurezza tal-ballun tal-arja u ta' kwalunkwe persuna jew propjetà li jinġarru fih.

BOP.ADD.510 Operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati bil-ballun tal-arja — Proċeduri operattivi standard

Minkejja l-punt BOP.BAS.190:

- (a) Qabel ma jibda operazzjoni kummerċjali speċjalizzata bil-ballun tal-arja, l-operatur għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskji, li fiha jivvaluta l-komplessità tal-operazzjoni ppjanata sabiex jiddetermina l-perikli u r-riskji assoċjati tal-operazzjoni u jistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni fejn meħtieġ.
- (b) Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskji, l-operatur għandu, qabel ma jibda operazzjoni kummerċjali speċjalizzata bil-ballun tal-arja, jistabbilixxi l-proċeduri operattivi standard (SOPs) xierqa għall-operazzjoni ppjanata u l-ballun tal-arja użat. L-SOPs għandhom ikunu parti mill-manwal tal-operat jew jiġu stabbiliti f'dokument separat. Fejn meħtieġ l-operatur għandu jirrieżamina u jaġġorna b'mod regolari l-SOPs sabiex iqisu b'mod adegwat il-valutazzjoni tar-riskji.
- (c) L-operatur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati bil-ballun tal-arja jsiru skont l-SOPs.

*Taqsimha 7***Prestazzjoni u limitazzjonijiet operattivi****BOP.ADD.600 Sistema biex tiġi ddeterminata l-massa**

- (a) L-operatur għandu jistabbilixxi sistema li tispjega kif l-elementi li għejjin jiġu determinati b'mod preċiż għal kull titjira, sabiex il-bdot fil-kmand ikun jista' jivverifika l-konformità mal-limitazzjonijiet tal-AFM:
- (1) il-massa tal-ballun mingħajr arja;
 - (2) il-massa tat-tagħbija skont il-piż;
 - (3) il-massa tat-tagħbija ta' fjuwil jew savorra;
 - (4) il-massa waqt it-tluġ;
 - (5) it-tagħbija tal-ballun tal-arja ssir taħt is-superviżjoni tal-bdot fil-kmand jew persunal ikkwalifikat;
 - (6) it-tnejn u d-dispożizzjoni tad-dokumentazzjoni kollha.
- (b) Il-kalkolu tal-massa bbażat fuq kalkoli elettroniċi għandu jkun replikabbli mill-bdot fil-kmand.
- (c) Id-dokumentazzjoni dwar il-massa, li tispjega l-elementi elenkati fil-punt (a), għandha titħejja qabel kull titjira u tiġi ddokumentata fi pjan operattiv tat-titjira.
-

Appendiċi

DIKJARAZZJONI

f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395

Operatur

Isem:

Post fejn l-operatur għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu.

Isem u dettalji ta' kuntatt tal-maniġer responsabbli:

Operazzjoni bil-ballun tal-arja

Id-data tal-bidu tal-operazzjoni kummerċjali u, fejn rilevanti, id-data li fiha tkun saret bidla fl-operazzjoni kummerċjali attwali.

Informazzjoni dwar il-ballun/blalen tal-arja użat/i, l-operazzjoni/jiet kummerċjali u l-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ⁽¹⁾:

Tip ta' ballun tal-arja	Reġistrazzjoni tal-ballun tal-arja	Bażi ewlenija	Tip(i) ta' operazzjonijiet ⁽²⁾	Organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa ⁽³⁾

Fejn applikabbli, il-lista tal-AltMoC b'referenza għall-AMC assoċjati (anness ma' din id-dikjarazzjoni):

Dikjarazzjonijiet

- ☐ L-operatur jikkonforma, u se jkompli jikkonforma, mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/395.

B'mod partikolari, l-operatur iwettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu skont ir-rekwiżiti li ġejjin tas-Subparti ADD tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/395:

- ☐ Id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni, inkluż il-manwal tal-operat, hija konformi mar-rekwiżiti tas-Subparti ADD u t-titjiriet kollha se jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-manwal tal-operat kif meħtieġ mill-punt BOP.ADD.005(b) tas-Subparti ADD.
- ☐ Il-blalen tal-arja kollha operati għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 jew jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ajrunavigabbiltà applikabbli għall-blalen tal-arja rreġistrati f'pajjiż terz u huma soġġetti għal ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ jew għal ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ, kif meħtieġ mill-punti BOP.ADD.110 u BOP.ADD.115(b) u (c) tas-Subparti ADD.

- ☐ Il-membri kollha tal-ekwipaġġ tat-titjira għandhom liċenzja u klassifikazzjonijiet maħruġin jew aċċettati skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 kif meħtieġ mill-punt BOP.ADD.300(c) tas-Subparti ADD.
- ☐ L-operatur se jinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi li taffettwa l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/395 kif iddikjarat lill-awtorità kompetenti permezz ta' din id-dikjarazzjoni u dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni u fil-listi tal-AltMoC inklużi u msemmija f'din id-dikjarazzjoni, kif meħtieġ mill-punt BOP.ADD.105(a) tas-Subparti ADD.
- ☐ L-operatur jikkonferma li l-informazzjoni kollha inkluża f'din id-dikjarazzjoni, inklużi l-annessi tagħha, hija kompluta u korretta.

Data, isem u firma tal-maniġer responsabbli

- (¹) Imla t-tabella. Jekk ma hemmx spazju biżżejjed biex tniżżel l-informazzjoni, din għandha titniżżel f'anness separat. L-anness għandu jiġi datat u ffirmat.
- (²) "Tip(i) ta' operazzjoni" tirreferi għat-tip ta' operazzjoni kummerċjali mwettqa bil-ballun tal-arja.
- (³) L-informazzjoni dwar l-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa għandha tinkludi l-isem tal-organizzazzjoni, l-indirizz u r-referenza tal-approvazzjoni.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/396**tat-13 ta' Marzu 2018****li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(e) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura tal-merkanzija (minn hawn 'il quddiem imsejħa n-"Nomenklatura Magħquda" jew in-"NM"), li hija stabbilita fl-Anness I tiegħu.
- (2) In-nota addizzjonali 10 tal-Kapitolu 22 tat-Tieni Parti tan-NM tistipula li, għall-għanijiet tas-subtitlu 2206 00 31 u 2206 00 39, ix-xarbiets iffermentati, minbarra dawk fi fliexken b'tappijiet forma ta' faqqiegħ miżmumin f'posthom b'rabtiet u bi qfil, bi pressjoni żejda ta' mhux inqas minn 1,5 bar, imkejla f'temperatura ta' 20 °C, huma meqjusin b'ħala "effervexxenti (sparkling)".
- (3) In-nota 1 tas-subtitlu tal-Kapitolu 22 tat-Tieni Parti tan-NM tistipula li, "għall-għanijiet tas-subtitlu 2204 10, l-espressjoni "inbid ifexfex" tfisser inbid li, meta miżmum f'temperatura ta' 20 °C f'kontenituri magħluqin, għandu pressjoni żejda ta' mhux inqas minn 3 bar".
- (4) Fid-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE ⁽²⁾ hemm miktub li "xorb ieħor iffermentat bil-gass" li jidħol mhux biss fl-intestaturi 2204 u 2205, iżda wkoll fil-Kodiċi tan-NM 2206 00 91, li kien japplika meta d-Direttiva ġiet adottata (issa l-Kodiċijiet tan-NM 2206 00 31 u 2206 00 39), "għandhom pressa żejda ta' 3 bar jew iżjed".
- (5) Ma jistax jiġi ġġustifikat, la mil-lat xjentifiku u lanqas minn ebda lat ieħor, li jkun hemm livelli limitu differenti f'dak li għandu x'jaqşam mal-pressjoni żejda għax-xarbiets iffermentati effervexxenti, tkun xi tkun il-klassifika tagħhom fil-kodiċijiet tan-NM 2204, 2205 jew 2206.
- (6) Għall-finijiet taċ-ċertezza tad-dritt, jeħtieġ li n-nota addizzjonali 10 tal-Kapitolu 22 tat-Tieni Parti tan-NM tiġi emendata billi l-livell limitu eżistenti ta' "mhux inqas minn 1,5 bar" jinbidel bil-frażi "3 bar jew iżjed".
- (7) Biex tkun żgurata l-konsistenza u interpretazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda fl-Unjoni kollha rigward id-definizzjoni tax-xarbiets "effervexxenti", jeħtieġ li tiġi emendata n-nota addizzjonali 10 tal-Kapitolu 22 tat-Tieni Parti tan-NM.
- (8) Għalhekk, ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu 22 tat-Tieni Parti tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it-tieni inċiż tan-nota addizzjonali 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

— *xarbiets iffermentati ppreżentati mod ieħor, bi pressjoni żejda ta' 3 bar jew iżjed, imkejla f'temperatura ta' 20 °C.*

⁽¹⁾ ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠUL 316, 31.10.1992, p. 21).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNKER

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/397

tat-8 ta' Marzu 2018

dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' *data* fir-rigward ta' *data* dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, il-forniment ta' *data* personali previst skont dik id-Deċiżjoni ma jistax isir sakemm id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data* stipulati fil-Kapitolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni ma jkunux ġew implimentati fil-liġi nazzjonali tat-territorji tal-Istati Membri involuti f'tali forniment.
- (2) L-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI ⁽³⁾ jipprevedi li l-verifika li l-kondizzjoni msemmija fil-premessa 1 tkun ġiet sodisfatta fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' *data* f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI trid issir abbażi ta' rapport ta' valutazzjoni bbażat fuq kwestjonarju, żjara ta' valutazzjoni u prova pilota.
- (3) F'konformità mal-punt 1.1 tal-Kapitolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati ta' *data* u jrid jitwieġeb minn Stat Membru hekk kif huwa jemmen li jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-*data* fil-kategorija rilevanti ta' *data*.
- (4) Il-Portugall lesta l-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kwestjonarju dwar l-iskambju tad-*data* dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi (VRD).
- (5) Il-Portugall wettaq b'suċċess prova pilota man-Netherlands.
- (6) Saret żjara ta' evalwazzjoni fil-Portugall u sar rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mill-iskwadra ta' evalwazzjoni Netherlandiża, Spanjola u Slovakkja li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.
- (7) Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sintesi tar-riżultati tal-kwestjonarju, taż-żjara ta' evalwazzjoni u tal-prova pilota fir-rigward tal-iskambju ta' VRD.
- (8) Fit-12 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill, wara li ħa nota tal-ftehim tal-Istati Membri kollha marbutin bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ikkonkluda li l-Portugall kien implimenta għalkollox id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data* stipulati fil-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
- (9) Għalhekk, għall-finijiet tat-tiftix awtomatizzat tal-VRD, jenħtieġ li l-Portugall ikun intitolat li jirċievi u jforni *data* personali skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
- (10) L-Artikolu 33 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jagħti lill-Kunsill setgħat ta' implimentazzjoni bil-ħsieb tal-adozzjoni tal-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-riċezzjoni u l-forniment ta' *data* personali previsti skont dik id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 210, 6.8.2008, p. 1.

⁽²⁾ L-Opinjoni tas-7 ta' Frar 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠUL 210, 6.8.2008, p. 12).

- (11) Peress li l-kondizzjonijiet biex jingħata bidu għall-eżerċizzju ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni ġew sodisfatti u l-proċedura f'dan ir-rigward ġiet segwita, jenħtieġ li tiġi adottata Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar it-tnedija fil-Portugall ta' skambju awtomatizzat ta' *data* fir-rigward ta' VRD sabiex dak l-Istat Membru jkun jista' jirċievi u jforni *data* personali skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
- (12) Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit huma marbuta bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li timplimenta d-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tat-tiftix awtomatizzat ta' *data* dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, il-Portugall huwa intitolat li jirċievi u jforni *data* personali skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI mill-15 ta' Marzu 2018.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

V. RADEV

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT